# LINJI GWIDA EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-KITBA TA' DESKRIZZJONIJIET QOSRA TAL-KWALIFIKI BBAŻATI FUQ L-EŻITI TAT-TAGĦLIM

Il-grupp tal-proġett QEK-Europass

CEDEFOP

Il-Kummissjoni Ewropea

Ippubblikat għall-ewwel darba bl-Ingliż bħala:
EQF-Europass Project Group. (2024). *European guidelines for the development and writing of short, learning-outcomes-based descriptions of qualifications.* Publications Office of the European Union. Cedefop working paper series, 21. http://data.europa.eu/doi/10.2801/838553

Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, dawn il-linji gwida ġew tradotti u issa huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE kif ukoll f'verżjonijiet lingwistiċi oħra. It-traduzzjonijiet ġew rieżaminati u ffinalizzati bl-appoġġ tal-esperti nazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea hija unikament responsabbli għall-korrettezza tat-traduzzjonijiet. Il-verżjoni bl-Ingliż titqies bħala dokument ta' referenza.

Ikkwota din il-pubblikazzjoni bħala:
il-grupp tal-proġett QEK-Europass. (2024). *Linji Gwida Ewropej għall-iżvilupp u l-kitba ta' deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Serje ta' dokumenti ta' ħidma tas-Cedefop, 21. http://data.europa.eu/doi/10.2801/8248863

---

Ħafna tagħrif addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-Internet.
Dan it-tagħrif jista' jinstab fuq is-server Europa: http://europa.eu.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© Is-Cedefop, 2024.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, dan id-dokument jista' jintuża mill-ġdid skont liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li jista' jintuża mill-ġdid diment li jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati l-bidliet li jsiru.

PDF
ISSN 1831-2403
ISBN 978-92-896-3956-9
doi: 10.2801/8248863
TI-BA-24-003-MT-N

Iċ-**Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali** (Cedefop) hu ċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet u l-kwalifiki. Dan iċ- Ċentru jipprovdi informazzjoni, riċerka, analiżi u evidenza dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet u l-kwalifiki għat-tfassil tal-politika fl-Istati Membri tal-UE. Is-Cedefop kien ġie stabbilit fl-1975 bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75. Iżda mbagħad fl-2019, dak inbidel bir-Regolament (UE) 2019/128 li jistabbilixxi s-Cedefop bħala Aġenzija tal-Unjoni b'mandat imġedded.

Europe 123, Tessaloniki (Pylea), il-Greċja
Indirizz: Cedefop service post, 57001 Thermi, GREECE
Tel. +30 2310490111, Fax +30 2310490020
Email: info@cedefop.europa.eu
www.cedefop.europa.eu

Jürgen Siebel, *Direttur Eżekuttiv*
Mario Patuzzi, *President tal-Bord tat-Tmexxija*

# Ħajr lil

Dawn il-Linji Gwida huma frott il-ħidma tal-grupp tal-proġett QEK-Europass għal deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.

F'Ġunju 2021, il-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-Grupp Konsultattiv tal-Europass qablu li jitwaqqaf il-grupp tal-proġett biex jiżviluppa u jaqbel fuq prinċipji gwida komuni ta' kif għandhom jiġu strutturati d-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim għall-pubblikazzjoni tal-kwalifiki fid-database u r-reġistri konnessi mal-Europass. Il-grupp iffunzjona bejn Diċembru 2021 u Ottubru 2023.

Fost il-membri tal-grupp tal-proġett kien hemm esperti minn 12-il pajjiż u organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw l-edukazzjoni u t-taħriġ, u rappreżentanti tas-suq tax-xogħol. Kemm il-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki kif ukoll il-Grupp Konsultattiv tal-Europass ġew ikkonsultati dwar l-abbozzi interim u finali tal-Linji Gwida.

Din il--ħidma ġiet koordinata mill-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ EMPL) skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u skont d-Deċiżjoni Europass tal-2018. Is-Cedefop, irrappreżentata minn Zelda Azzarà u Jens Bjornavold, tat appoġġ tekniku u kunċettwali u abbozzat il-Linji Gwida b'koordinazzjoni mill-qrib mal-membri tal-grupp tal-proġett, li kienu jinkludu wkoll lill-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ.

Ħajr b'mod partikolari lill-membri tal-grupp tal-proġett li taw kontribut imprezzabbli, wettqu konsultazzjonijiet, bnew il-Linji Gwida ma' esperti nazzjonali u partijiet ikkonċernati, u għenu biex titjieb il-kwalità tad-dokument.

# Werrej

**ĦAJR LIL** ........ **1**
**WERREJ** ........ **2**
**INTRODUZZJONI** ........ **4**
L-importanza ta' deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim .. 4
L-iżvilupp u l-għan tal-Linji Gwida ........ 5
L-utenti u l-applikazzjonijiet tal-Linji Gwida ........ 5
L-ambitu tal-Linji Gwida ........ 6
L-użu tad-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim ........ 6
Kif tuża dawn il-Linji Gwida ........ 7
Kunsiderazzjonijiet addizzjonali ........ 8
**ID-DESKRIZZJONIJIET QOSRA BBAŻATI FUQ L-EŻITI TAT-TAGĦLIM: ELEMENTI KOSTITWENTI EWLENIN** ........ **9**
**A – ASPETTI FORMALI** ........ **10**
A1. It-tul ........ 10
A2. Il-format tad-deskrizzjoni ........ 10
**B – ASPETTI TAL-KONTENUT** ........ **11**
B1. L-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika fil-forma ta' narrattiva ... 11
Mistoqsijiet gwida ........ 12
Rakkomandazzjonijiet ........ 13
Kunsiderazzjonijiet u suġġerimenti addizzjonali ........ 17
B2 – L-eżiti tat-tagħlim fil-punti inċiżi ........ 18
Mistoqsijiet gwida ........ 20
Rakkomandazzjonijiet ........ 21
Kunsiderazzjonijiet u suġġerimenti addizzjonali ........ 26
**AKRONIMI** ........ **28**
**ANNESSI** ........ **29**
Anness I. Eżempji ta' deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim ........ 29
Anness II. Il-verbi tal-azzjoni ........ 32
Anness III. Il-kwalifikaturi (l-aġġettivi u l-avverbji) ........ 36
Anness IV. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki: deskritturi tal-livelli ........ 37
Anness V. Sorsi u links addizzjonali ........ 39
**SINTEŻI** ........ **40**

# Tabelli, illustrazzjonijiet u kaxxi

## Tabelli

Tabella 1.
Struttura u format tad-deskrizzjoni qasira (narrattiva u punti inċiżi).. 10
Tabella 2.
L-objettiv u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika ............................... 11
Tabella 3.
L-eżiti tat-tagħlim fil-punti inċiżi....................................................... 18
Tabella 4.
Sintassi tas-sentenzi (punti inċiżi) li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim ........ 21

## Illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1.
Id-deskrizzjonijiet qosra bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim: elementi kostitwenti ewlenin ........................................................................ 9

## Kaxxi

Kaxxa 1.
Eżempji ta' narrattivi li jintroduċu l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifiki ........................................................................ 11
Kaxxa 2.
Definizzjonijiet tal-kunċetti ewlenin ................................................ 18

# Introduzzjoni

## L-importanza ta' deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim

L-eżiti tat-tagħlim jiddikjaraw dak li persuna għandha tkun taf, tifhem u/jew tkun kapaċi tagħmel fi tmiem proċess tat-tagħlim. L-iżvilupp u l-użu ta' Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) bbażati fuq eżiti tat-tagħlim u konnessi mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE) żiedu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki[1] madwar l-Ewropa.

Filwaqt li l-livelli tal-QEK u tal-QNK joffru mod sempliċi kif persuna tibda tifhem il-kwalifiki, l-iżvilupp ta' database jew reġistri tal-kwalifiki hu importanti ferm għal trasparenza aktar profonda tal-kwalifiki.

L-użu ta' approċċ bl-eżiti tat-tagħlim kien utli biex jingħarfu s-similaritajiet u d-differenzi bejn il-kwalifiki, għax b'hekk setgħu jinftehmu aħjar l-ambitu u l-orjentazzjoni tagħhom[2]. Iżda ċerti studji u proġetti riċenti juru li d-deskrizzjonijiet tal-eżiti tat-tagħlim jaf ikunu differenti, pereżempju mil-lat ta' tul, formulazzjoni u granularità, u dan ixekkel il-komparabbiltà tal-kwalifiki[3].

Id-deskrizzjonijiet sħaħ tal-kwalifiki nazzjonali jiġu żviluppati skont kriterji u prijoritajiet nazzjonali u jaf ikunu jirreferu għal diversi eżiti tat-tagħlim speċifiċi. Id-deskrizzjonijiet qosra u sintetiċi, li jibnu fuq id-deskrizzjonijiet nazzjonali sħaħ mingħajr ma jeħdulhom posthom, għandhom diversi benefiċċji għax jistgħu jagħtu aċċess faċli lill-istudenti jew lil dawk li jħaddmu li jixtiequ informazzjoni dwar kwalifiki speċifiċi. Dawn jistgħu jiġu tradotti b'mod aktar faċli u jistgħu jagħtu ħarsa ġenerali malajr lejn il-kontenut u l-profil tal-kwalifika.

Hu importanti li dawn id-deskrizzjonijiet qosra jiġu strutturati skont l-istess prinċipji ħalli tiżdied it-trasparenza, jinftehmu aħjar u jeħfief it-tqabbil; dawn jgħinu wkoll biex l-iżviluppi diġitali jkunu jistgħu jagħtu aċċess għal informazzjoni dwar il-

---

1 Il-kwalifiki: kisba formali ta' proċess tal-assessjar u tal-validazzjoni li tingħata meta awtorità kompetenti tiddetermina li persuna tkun laħqet l-eżiti tat-tagħlim skont standards partikolari.

2 Is-Cedefop (2020). *European qualifications framework. Initial vocational education and training: focus on qualifications at levels 3 and 4.* Is-Cedefop (2020). *National qualifications frameworks developments in Europe 2019. Qualifications frameworks: transparency and added value for end users.* Is-Cedefop (2022). *Comparing vocational education and training qualifications: towards methodologies for analysing and comparing learning outcomes*.

3 Proġetti pilota tal-QEK u l-grupp tal-proġett dwar il-komparabbiltà orizzontali tal-kwalifiki tal-2016 u l-2018; il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki, l-2023. Is-Cedefop (2022). Comparing vocational education and training qualifications: towards methodologies for analysing and comparing learning outcomes. Is-Cedefop (2022). *Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook*. It-tieni edizzjoni.

kontenut u l-profil tal-kwalifiki[4], u l-possibbiltà li din l-informazzjoni tintuża, tiġi konnessa, u titqabbel.

B'aċċessibbiltà, trasparenza u komparabbiltà aħjar tal-kwalifiki tista' tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-istudenti, filwaqt li jitħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja u jitjieb l-immaniġġjar tal-karrieri bi tlaqqigħ ta' kwalifiki u esperjenzi differenti.

## L-iżvilupp u l-għan tal-Linji Gwida

Dawn il-Linji Gwida ħoloqhom grupp ta' esperti[5] fil-livell tal-UE kkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea bl-appoġġ tekniku u kunċettwali tas-Cedefop u b'konsultazzjoni ma' esperti nazzjonali u partijiet ikkonċernati.

B'kollox, fil-kuntest tal-grupp, ġew sottomessi 33 kwalifika (deskrizzjonijiet qosra u sħaħ). Minn fosthom ġew analizzati 22 kwalifika sabiex jinsiltu prinċipji ewlenin li fuqhom jistgħu jissejsu l-Linji Gwida. L-ewwel abbozz tal-Linji Gwida ġie ppreżentat waqt is-60 laqgħa tal-grupp konsultattiv tal-QEK f'Novembru 2022 (Nota QEK AG 60-4) u mbagħad ġie ttestjat. Matul dal-proċess, inġabar ir-rispons mingħand partijiet ikkonċernati nazzjonali dwar il-kontenut tal-Linji Gwida u dwar l-iżvilupp tad-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki skont il-Linji Gwida ħalli jkunu jiżdiedu l-eżempji. Sa tmiem il-proċess, ġew żviluppati 20 deskrizzjoni u sar proċess ta' rieżami bejn il-pari biex jiġu identifikati aspetti tal-Linji Gwida li kienu jeħtieġu titjib. Hekk tiżdied iċ-ċarezza u jintgħażlu d-deskrizzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala eżempji mudell (tliet eżempji ġew inklużi finalment fil-Linji Gwida).

Dan biex jiġu promossi ċerti prinċipji komuni; jiġifieri biex ikun hemm struttura u approċċ konsistenti għall-iżvilupp tad-deskrizzjonijiet qosra u sintetiċi tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki, li mbagħad jiġu ppubblikati fid- databases u r-reġistri tal-kwalifiki konnessi mal-Europass.

## L-utenti u l-applikazzjonijiet tal-Linji Gwida

L-amministraturi, il-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-korpi responsabbli għall-kwalifiki, u/jew l-esperti responsabbli għad-definizzjoni u d-deskrizzjoni tal-kwalifiki

[4] Azzara Z., & Garmash A. (2022). From fragmented paper-based systems to digitally connected qualification systems accessible to citizens fil-pubblikazzjoni tas-Cedefop, l-ETF, il-UNESCO u l-Istitut tal-UNESCO għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. *Global Inventory of regional and national qualifications frameworks 2022. l-ewwel volum: Thematic Chapters.* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

[5] Il-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-Grupp Konsultattiv tal-Europass qablu li joħolqu grupp ta' proġett biex jiżviluppa Linji Gwida għad-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim li jiġu ppubblikati fuq il-Europass. Il-grupp kien jinkludi esperti minn 12-il pajjiż (l-Awstrija, il-Belġju (NL), Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Ungerija), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Universitajiet, SME United, Business Europe, u l-ETF. Il-grupp ippresedietu l-Kummissjoni Ewropea u ngħata appoġġ tekniku u kunċettwali mis-Cedefop.

fil-livelli kollha u fis-setturi kollha, pubbliċi u privati, jibbenefikaw minn dawn il-Linji Gwida meta jkunu qed jiżviluppaw id-deskrizzjonijiet qosra.

Filwaqt li l-Linji Gwida tfasslu għad-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki tal-QNK/QEK, dawn jistgħu jiġu applikati wkoll għal kwalunkwe kwalifika, ċertifikat u diploma oħra, kif ukoll għad-deskrizzjoni ta' partijiet jew unitajiet tal-kwalifiki. Jistgħu jintużaw kemm għal kwalifiki li għandhom livell tal-QNK/QEK kif ukoll għal dawk li ma għandhomx.

## L-ambitu tal-Linji Gwida

L-iżvilupp tad-deskrizzjonijiet qosra u sħaħ tal-kwalifiki huwa responsabbiltà nazzjonali.

Dawn il-Linji Gwida jgħinu fl-iżvilupp u l-kitba tad-deskrizzjonijiet qosra – deskrizzjonijiet sintetiċi u konċiżi – ibbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim, li jinkludu l-kontenut, l-orjentazzjoni u l-kumplessità tat-tipi u l-livelli kollha tal-kwalifiki. Dawn il-Linji Gwida ma jindirizzawx id-deskrizzjonijiet kompluti jew sħaħ tal-kwalifiki (pereżempju fil-forma ta' standards tal-kwalifiki jew kurrikuli nazzjonali).

Il-mudelli tal-informazzjoni eżistenti[6] jipproponu xi entrati tal-informazzjoni (eż. l-isem tal-kwalifika, il-korp tal-għoti, il-qasam tal-istudju) biex itejbu l-qsim tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki u d-database jew ir-reġistri tal-kwalifiki[7]. Iżda l-mudelli eżistenti jipprovdu biss gwida ġenerali dwar kif għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim, b'mod li din tgħin għat-trasparenza u l-komparabbiltà. Dawn il-Linji Gwida jibnu fuq dawk il-mudelli u huma maħsuba biex jintegrawhom, billi jiffokaw b'mod dettaljat fuq l-element speċifiku ta'informazzjoni "eżiti tat-tagħlim".

## L-użu tad-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim

Fil-livell Ewropew u internazzjonali, pereżempju fil-Europass u fil-QEK, l-iżvilupp tad-deskrizzjonijiet qosra jgħin għat-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki bejn is-setturi u l-pajjiżi differenti. Apparti hekk, dawn jaf ikunu wkoll opportunità biex

6 "Mudelli tal-informazzjoni" hu t-terminu użat fil-kuntest tal-Mudell tat-Tagħlim Ewropew. Dan jirreferi għas-sorsi analizzati u kkunsidrati biex jinbena l-Mudell tat-Tagħlim Ewropew. Pereżempju, dan jinkludi definizzjonijiet u standards li joħorġu mir-rakkomandazzjoni tal-QEK, mir-Rakkomandazzjoni tal-Europass, mis-suppliment Diploma jew mis-suppliment Ċertifikat.

7 L-Anness IV tar-rakkomandazzjoni tal-QEK jindika entrati tad-dejta obbligatorji u fakultattivi għall-pubblikazzjoni diġitali tal-informazzjoni dwar it-tipi u l-livelli kollha tal-kwalifiki (eż. isem il-kwalifika, il-korp tal-għoti, il-qasam). Filwaqt li jibnu fuq l-Anness III, ir-Reġistru tas-Sett tad-Dejta tal-Kwalifiki (QDR) u l-Mudell tat-Tagħlim Ewropew (ELM) jappoġġaw il-pubblikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki fil-Europass. Għalkemm jenfasizzaw l-importanza tal-informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim, dawn il-mudelli eżistenti jagħtu biss gwida ġenerali dwar kif din għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni, b'mod li tgħin għat-trasparenza u l-komparabbiltà. Għalhekk jista' jitqies li dawn il-Linji Gwida qed jibnu fuq il-mudelli eżistenti għall-qsim tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki, jew inkella jestenduhom.

jitjiebu l-kwalità u l-firxa tal-għodod eżistenti għall-qsim tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki.

Fil-livell nazzjonali, id-deskrizzjonijiet qosra jistgħu jintużaw bl-iskop ta' informazzjoni u komunikazzjoni, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-oqfsa tal-kwalifiki u jiffurmaw parti mid-database u r-reġistri tal-kwalifiki.

Bid-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki, l-utenti u l-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali (inkluż l-istudenti, dawk li jħaddmu, il-konsulenti, il-ġenituri, l-għalliema, il-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-prattikanti tal-validazzjoni) ikunu jistgħu jifhmu malajr il-kontenut, il-kumplessità u l-orjentazzjoni tat-tagħlim. Filwaqt li d-deskrizzjonijiet għandhom jagħtu informazzjoni konsistenti dwar il-livell tal-kumplessità tat-tagħlim, il-fokus primarju tagħhom mhux li jagħtu ġustifikazzjoni komprensiva tal-livell tal-QNK/QEK.

L-użu tad-deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim jista' jiddependi fuq kuntesti u prattiki nazzjonali, fosthom fuq ir-rabtiet tagħhom ma' deskrizzjonijiet aktar dettaljati tal-kwalifiki jew ma' programmi u kurrikuli. Xi pajjiżi diġà jiddistingwu bejn deskrizzjonijiet sħaħ u dettaljati tal-eżiti tat-tagħlim li jintużaw bl-iskop ta' livellar jew rikonoxximent, u deskrizzjonijiet iqsar li jintużaw biex jiġbru fil-qosor l-aspetti ewlenin tal-kwalifika.

## Kif tuża dawn il-Linji Gwida

Il-Linji Gwida fihom żewġ taqsimiet ewlenin, A u B.

It-Taqsima A tiffoka fuq l-aspetti formali tad-deskrizzjonijiet (it-tul u l-format). It-Taqsima B tiffoka fuq l-aspetti tal-kontenut tad-deskrizzjonijiet, tagħti gwida dwar x'għandu jitqies meta jkunu qed jiġu żviluppati, u tagħti suġġerimenti dwar is-sintassi tas-sentenzi.

Meta jkunu qed jiġu abbozzati d-deskrizzjonijiet qosra, hu importanti li l-aspetti ewlenin tal-kontenut elenkati fil-Linji Gwida (il-firxa/l-ambitu, il-profondità/il-kumplessità, u l-kuntest) jiġu indirizzati bil-flessibbiltà u mhux b'mod strett jew mekkaniku. Uħud mid-distinzjonijiet huma astrazzjonijiet kunċettwali li fil-prattika jirfsu fuq xulxin.

Uħud mis-suġġerimenti jaf jidhru evidenti minnhom infushom jew sempliċi għall-esperti u l-prattikanti fil-qasam tal-eżiti tat-tagħlim. Iżda billi l-Linji Gwida huma maħsuba wkoll biex jgħinu lil dawk li mhumiex daqshekk midħla ta' dan il-qasam, dawn jinkludu wkoll pariri ġeneriċi u links għal riżorsi addizzjonali (ara t-Taqsima "Referenzi u Links").

Biex il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu aħjar, il-Linji Gwida jinkludu spjegazzjonijiet, immaġni, mistoqsijiet gwida, rakkomandazzjonijiet, u suġġerimenti u kunsiderazzjonijiet oħrajn. Minbarra t-tliet eżempji ta'

deskrizzjonijiet qosra fl-Anness I, il-Linji Gwida jagħtu eżempji speċifiċi assoċjati mar-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti. Jagħtu wkoll lista ta' verbi tal-azzjoni u kwalifikaturi.

L-eżempji fil-Linji Gwida ttieħdu minn deskrizzjonijiet qosra eżistenti tal-kwalifiki jew ġew adattati jew żviluppati bi skop illustrattiv.

## Kunsiderazzjonijiet addizzjonali

Waqt li kienu qed jiġu żviluppati dawn il-Linji Gwida u l-eżempji fl-Anness I, ħareġ ċar u tond li t-tfassil ta' deskrizzjoni qasira perfetta huwa biċċa xogħol iebsa ħafna. Din hija responsabbiltà nazzjonali, u l-pajjiżi differenti jaf ikollhom kriterji differenti li jkunu importanti għalihom, jew ċerti aspetti li jixtiequ jenfasizzaw. L-iżvilupp ta' dawn il-Linji Gwida għandu jitqies bħala parti minn sforz kollaborattiv kontinwu bejn il-pajjiżi, bil-għan li jiġu żviluppati u applikati Linji Gwida komuni għad-deskrizzjonijiet tal-eżiti tat-tagħlim, u b'hekk jittejbu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki. Bis-saħħa tal-esperjenza, b'kollaborazzjoni kontinwa u bi skambji dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida bejn il-pajjiżi u s-setturi, dawn il-Linji Gwida jistgħu jibqgħu jevolvu u jinkludu eżempji oħrajn.

Hu rakkomandat li waqt il-kitba tad-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim jiġi kkunsidrat l-involviment ta' esperti minn barra l-organizzazzjoni u/jew il-pajjiż biex jagħti r-rispons tagħhom.

# Id-deskrizzjonijiet qosra bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim: elementi kostitwenti ewlenin

Meta jkunu qed jiġu żviluppati u jinkitbu d-deskrizzjonijiet qosra għandhom jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin:

A. Aspetti formali

(a) A.1 It-tul tad-deskrizzjoni (750 sa 1 500 karattru mingħajr l-ispazji);

(b) A.2 Il-format tad-deskrizzjoni (narrattiva u punti inċiżi).

B. Aspetti tal-kontenut

(a) B.1 L-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika (fil-forma ta' test narrattiv);

(b) B.2 L-eżiti tat-tagħlim ewlenin (fil-forma ta' punti inċiżi) li jkopru l-orjentazzjoni, il-kontenut u l-kumplessità tal-kwalifika billi jinkludu l-aspetti li ġejjin:

(i) B.2.1 Il-firxa/l-ambitu tat-tagħlim miksub;

(ii) B.2.2 Il-profondità/il-kumplessità tat-tagħlim miksub;

(iii) B.2.3 Informazzjoni dwar il-kuntest.

Illustrazzjoni 1. Deskrizzjonijiet qosra bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim: elementi kostitwenti ewlenin




*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.*

# A – Aspetti formali

## A1. It-tul

Id-deskrizzjoni trid tkun bejn 750 u 1,500 karattru (mingħajr l-ispazji). Dan it-tul indikattiv jagħti biżżejjed spazju biex tinkiteb l-essenza tal-kwalifika u biex il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu malajr il-karatteristiċi essenzjali tagħha. Il-limitu indikattiv ġie stabbilit ħalli d-deskrizzjoni tkun tassew qasira.

## A2. Il-format tad-deskrizzjoni

Iddeskrivi l-kwalifika b'taħlita ta' test narrattiv u punti inċiżi. In-narrattiva għandha tippreżenta l-objettiv u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika (B.1). Il-punti inċiżi għandhom jiddeskrivu l-eżiti tat-tagħlim speċifiċi (B.2).

Tabella 1. **Struttura u format tad-deskrizzjoni qasira (narrattiva u punti inċiżi)**

| | |
|---|---|
| **Narrattiva li tinkludi l-objettivi u l-orjentazzjonijiet ġenerali tal-kwalifika.** | Id-detenturi tal-kwalifika... |
| **Punti inċiżi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim** | Id-detenturi jkunu kapaċi:<br>1)<br>2)<br>3)<br>… |

*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.*

# B – Aspetti tal-kontenut

## B1. L-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika fil-forma ta' narrattiva

Id-deskrizzjoni għandha tibda b'introduzzjoni konċiża fil-forma ta' narrattiva li tesprimi l-objettiv u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika, inkluż informazzjoni dwar il-kuntest[8]. Permezz tagħha, il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu l-essenza tal-kwalifika u r-rwol u l-pożizzjoni tagħha fejn jidħlu s-suq tax-xogħol, is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u/jew is-soċjetà b'mod ġenerali.

Tabella 2. **L-objettiv u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika**

| | |
|---|---|
| **Narrattiva li tippreżenta l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika** | Id-detenturi tal-kwalifika… |
| **Punti inċiżi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim** | Huma jkunu kapaċi:<br>1)<br>2)<br>3)<br>… |

*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.*

Kaxxa 1. **Eżempji ta' narrattivi li jintroduċu l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifiki**

**Eżempju A**
Id-detenturi tal-kwalifika "Office assistant" (QEK/QNK 4) ikollhom l-għarfien u l-ħiliet biex iwettqu xogħol tal-uffiċċju, amministrattiv u organizzattiv f'kumpaniji tas-setturi kollha u f'istituzzjonijiet oħra bħall-amministrazzjoni pubblika, organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, eċċ., permezz tat-taħriġ doppju li kisbu fuq medda ta' tliet snin fil-kumpanija tat-taħriġ u fil-kulleġġ vokazzjonali. Jiddependi mill-fokus tal-kompitu, dawn ikunu jaħdmu fil-back office, fl-accounts, fl-uffiċċju tal-persunal, jew f'ċerti oqsma bħax-xiri, il-bejgħ, il-ħżin u l-magazzinaġġ, eċċ.

**Eżempju B**
Id-detenturi tal-kwalifika "Initial vocational training in environmental technologists for wastewater management" (QEK/QNK 4) jkunu kapaċi jaħdmu fuq sistemi tad-drenaġġ u l-immaniġġjar tal-ilma tal-maltempati, u fuq it-trattament tal-ilma mormi u l-

[8] It-titlu tal-kwalifika spiss jagħti informazzjoni importanti dwar l-oriġini u l-orjentazzjoni ta' kwalifika, speċjalment jekk dan ikun jirreferi għal tip ta' kwalifika magħrufa sew (VET inizjali, baċellerat jew masters fl-edukazzjoni għolja) u/jew ikun jirreferi għal kompitu jew professjoni partikolari. Peress li dan ma jkunx dejjem il-każ, hemm bżonn deskrizzjoni preċiża tal-kuntest. L-informazzjoni relatata mal-kuntest hi importanti meta jiġu deskritti l-objettiv u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika (B1) u meta l-eżiti tat-tagħlim jiġu żviluppati bħala punti inċiżi (B2).

ħama tad-drenaġġ. Ikunu kapaċi jaħdmu f'impjanti tat-trattament tal-ilma mormi muniċipali u industrijali u ma' kumpaniji tad-drenaġġ. Kapaċi jiżguraw it-tħaddim sostenibbli tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi muniċipali u industrijali, u li dawn ikunu jiffunzjonaw b'effiċjenza fl-enerġija. Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kwalifikati biex jimmaniġġaw impjanti żgħar tat-trattament tal-ilma mormi.

**Eżempju Ċ**

Id-detenturi tal-kwalifika "Vocational qualification in hairdressing and beauty care" (QEK/QNK 4) ikunu kapaċi jipprovdu servizz lill-klijenti f'kuntesti ta' sbuħija u kura tax-xagħar u jbigħu prodotti u servizzi tal-kumpanija għax ikollhom għarfien komprensiv tal-prodotti u l-proċeduri tas-saħħa u s-sikurezza. Ikollhom kompetenza bażika komuni u jistgħu jagħżlu qasam ta' speċjalizzazzjoni fil-kura tax-xagħar u s-sbuħija, il-kura tal-ġilda, il-qtugħ tax-xagħar jew is-sengħa tal-barbier.

**Eżempju D**

Id-detenturi tal-kwalifika "Accredited accountant" (QEK/QNK 5) ikunu kapaċi jirreġistraw u jivverifikaw id-dejta finanzjarja ta' organizzazzjonijiet esterni. Ikunu kapaċi jagħtu pariri lill-klijenti dwar kif għandhom jimxu skont ir-regolamenti legali tal-kontabbiltà u jagħtu l-informazzjoni kummerċjali meħtieġa lill-klijenti. Id-detenturi ta' din il-kwalifika jitqiesu akkreditati biex jaqdu l-professjoni ta' accountant għal rashom. Fil-Belġju (il-Flanders), accountants akkreditati biss jistgħu jaqdu din il-professjoni.

**Eżempju E**

Id-detenturi tal-kwalifika "Surgery assistant" (QEK/QNK 6) jaqdu rwol kruċjali fil-kura kirurġika b'ħafna operazzjonijiet riżervati, kirurġiċi u riskjużi u skont żviluppi teknoloġiċi kumplessi suċċessivi u malajr. Ikunu jistgħu jkunu parti minn tim multidixxiplinari li jikkonsisti fi speċjalisti mediċi tal-qsim, anestejoloġisti, assistenti tal-anestesija u assistenti operattivi. Jistgħu jassistu lill-ispeċjalista ewlieni fl-attivitajiet tiegħu u jikkoordinaw u jidderieġu l-proċess tal-kura għall-pazjent waqt il-perjodu tal-operazzjoni. Barra minn hekk, ikunu kapaċi jikkollaboraw mas-servizzi ta' appoġġ tad-dipartiment tal-kirurġija, bħad-dipartiment ċentrali tal-isterilizzazzjoni, id-dipartimenti tal-infermiera, id-dipartiment tar-radjoloġija u l-laboratorji. Il-kwalifika tista' tinkiseb bħala parti minn taħriġ inizjali meta l-istudent ikun impjegat f'istituzzjoni tal-kura tas-saħħa akkreditata.

*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.*

### Mistoqsijiet gwida

Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt huma maħsuba biex jgħinu għal riflessjoni dwar aspetti li jistgħu jiġu ppreżentati meta jkunu qed jiġu żviluppati n-narrattivi li jesprimu l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifiki (B1). L-għan mhux li jitwieġbu l-mistoqsijiet kollha direttament jew mekkanikament.

(a) Għal xiex tista' tintuża l-kwalifika fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u t-taħriġ u/jew fis-soċjetà b'mod ġenerali? Id-detenturi tal-kwalifika x'jistgħu jagħmlu bil-kwalifika?

   (i) Il-kwalifika tħejjihom għal kompiti, funzjonijiet u/jew okkupazzjonijiet speċifiċi?

(ii) Il-kwalifika tagħtihom xi intitolament speċifiku, pereżempju tagħti liċenzja għal xi prattiki okkupazzjonali? Tagħtihom aċċess għal professjoni regolata? Il-kwalifika tippermettilhom jibdew attivitajiet speċifiċi ta' negozju jew imprenditorjali?

(iii) Jekk il-kwalifika ma tkunx marbuta direttament ma' kompiti, okkupazzjonijiet jew professjonijiet speċifiċi, x'inhu l-iskop tal-kwalifika mil-lat ta':

- impjieg?
- edukazzjoni u taħriġ inizjali?
- tkomplija tal-edukazzjoni u t-taħriġ?
- żvilupp personali?

(iv) Il-kwalifika tagħtihom aċċess għal aktar tagħlim speċifiku? Hu rilevanti li jissemmew rotot possibbli ta' progressjoni?

(v) Hemm rekwiżiti speċifiċi biex jiġu aċċessati l-kwalifiki li jixraq jissemmew biex jiġu ċċarati r-rwol u l-pożizzjoni?

(b) X'għarfien, ħiliet u/jew kompetenzi ewlenin[9] ikollhom id-detenturi ta' din il-kwalifika?

(c) X'inhu mistenni mid-detenturi tal-kwalifika, pereżempju fir-rigward tal-possibbiltà li jaħdmu b'mod indipendenti?

(d) X'inhu mistenni mid-detenturi tal-kwalifika, pereżempju fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom fil-proċessi u biex jimmaniġġaw lil oħrajn?

**Rakkomandazzjonijiet**

(a) Żomm in-narrattiva qasira u konċiża, jiġifieri madwar kwart tad-deskrizzjoni sħiħa.

(b) Fil-Malti jixraq li tuża l-plural biex tevita li tuża forma waħda speċifika tal-ġeneru jew bosta punteġġatura (/)

(c) Uża t-terminu "Id-detenturi tal-kwalifika...", jew it-titlu li jiksbu bil-kwalifika u, meta meħtieġ, uża huma.

[9] Fid-diskussjonijiet dwar l-Oqfsa Ewropej tal-Kwalifiki, it-terminu "kompetenza" ħoloq dibattitu minħabba l-interpretazzjonijiet differenti tiegħu. Filwaqt li l-kunsens kien relattivament malajr biex issir qasma ċara bejn "ħiliet" u "għarfien" waqt l-iżvilupp bikri tal-QEK, id-definizzjoni tat-tielet qasam kienet aktar diffiċli. It-tielet qasam tal-QEK fil-bidu kien jissejjaħ "kompetenza", iżda dan jillimita l-ambitu tiegħu għall-kunċett ta' "awtonomija u responsabbiltà". Ir-reviżjoni tal-QEK tal-2017 biddlet l-isem tat-tielet qasam għal "awtonomija u responsabbiltà" biss mingħajr bidliet sostanzjali fid-deskritturi tal-livelli. Analiżi tad-deskritturi tal-livelli tal-QNK fir-rigward tat-"tielet qasam tal-QEK" (qabel kien jismu "kompetenza" u issa sar "responsabbiltà u awtonomija") turi li filwaqt li d-deskritturi tal-livelli nazzjonali juru elementi allinjati mal-awtonomija u r-responsabbiltà skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEK, uħud wessgħu d-deskritturi tagħhom biex ikunu jinkludu dimensjonijiet usa' bħal "ħsieb kritiku", "kreattività", "intraprenditorija", "tagħlim dwar kif titgħallem", "kooperazzjoni", eċċ. Filwaqt li dawn il-Linji Gwida jirreferu b'mod espliċitu għad-deskritturi tal-livelli tal-QEK bħala punt tat-tluq ewlieni, biex ikunu jinkludu kemm jista' jkun prattiki nazzjonali u ma jeskludux aspetti meqjusa importanti fil-pajjiżi, il-Linji Gwida qed jużaw it-terminu "kompetenza", iżda fl-istess waqt jenfasizzaw l-importanza li jiġu indirizzati wkoll l-awtonomija u r-responsabbiltà meta jkunu qed jiġu deskritti l-eżiti tat-tagħlim. Għal aktar informazzjoni dwar d-deskritturi tal-livelli tal-QEK u tal-QNK ara: Is-Cedefop (2018). *Analysis and overview of NQF level descriptors in European countries*. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

(d) Semmi l-livell tal-QEK/QNK (meta applikabbli), fil-parentesi.
Eżempju: "Id-detenturi tal-kwalifika "Office assistant" (QEK/QNK 4) jista...".

(e) Ara li n-narrattiva tkun tintroduċi b'mod preċiż l-eżiti tat-tagħlim ippreżentati fil-punti inċiżi, ħalli tiżgura koerenza bejn in-narrattiva u l-punti inċiżi:
Evita: diskrepanzi bejn in-narrattiva u l-punti inċiżi. Pereżempju, in-narrattiva tenfasizza livelli għoljin ta' awtonomija, iżda l-lista tal-eżiti tat-tagħlim tirreferi biss għal kollaborazzjoni ma' oħrajn.

(f) Jiddependi mill-orjentazzjoni tal-kwalifika, inkludi informazzjoni dwar il-pożizzjoni u r-rwol tal-kwalifika fejn jidħlu s-suq tax-xogħol, is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u/jew is-soċjetà b'mod ġenerali:
Eżempji ta' informazzjoni dwar il-kuntest inkluża fin-narrattiva biex jintwera r-rwol tal-kwalifiki fis-suq tax-xogħol:
   (i) "Id-detenturi tal-kwalifika "Business administration" (QEK/QNK 5) ikunu kapaċi jaħdmu f'fergħat tan-negozju u tal-amministrazzjoni u jkunu kwalifikati biex isiru intraprenditur indipendenti";
   (ii) "Id-detenturi tal-kwalifika "Promotion and reception services operator" (QEK/QNK 3) ikunu kapaċi jaħdmu fi strutturi tal-akkomodazzjoni, aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi tal-assistenza turistika";
   (iii) "Id-detenturi tal-kwalifika "Xogħol tal-mastrudaxxa" (QEK/QNK 4) ikunu kapaċi jibnu, jinstallaw, imantnu u jirriabilitaw oġġetti tal-injam għal binjiet ta' tipi differenti. Ikunu kapaċi jippjanaw u jagħmlu xogħol manwali u mekkaniku fuq oġġetti tal-injam għal ħitan, soqfa, bjut u art ta' ġewwa u ta' barra;
   (iv) "Id-detenturi ta' din il-kwalifika jkunu akkreditati biex jaqdu l-professjoni ta' accountant għal rashom";
   (v) "Il-kwalifika hija prerekwiżit biex jeżerċitaw il-professjoni ta' psikologu kliniku fil-pajjiż";
   (vi) "Il-kwalifika toffri l-possibbiltà ta' kwalifiki u/jew kompetenzi professjonali, biex wieħed ikun jista' jidħol jew jerġa' jidħol jew javvanza fis-suq tax-xogħol".

Eżempji ta' informazzjoni dwar il-kuntest inkluża fin-narrattiva biex tintwera l-pożizzjoni tal-kwalifika fejn jidħlu s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jew is-soċjetà b'mod ġenerali:
   (i) "Il-kwalifika tifrex pedament sod fir-riċerka tal-bijoteknoloġija u d-detenturi jistgħu jissoktaw l-istudji f'oqsma speċjalizzati bħall-inġinerija ġenetika u r-riċerka farmaċewtika";

(ii) "Il-kwalifika tfasslet biex wieħed isegwi tagħlim aktar kumpless u speċjalizzat fil-qasam tal-installazzjoni elettrika jew tan-networks elettriċi";

(iii) "Dan hu taħriġ vokazzjonali inizjali li jingħata f'kulleġġ. B'mod fakultattiv, tista' tinkiseb il-kwalifika tad-dħul tal-edukazzjoni għolja";

(iv) "Il-kwalifika tagħti aċċess għal studji akkademiċi";

(v) "Il-kwalifika tipprovdi għarfien u kompetenzi ġenerali għal impjieg f'diversi rwoli relatati man-negozju. Din tagħti opportunitajiet għall-iżvilupp personali u tiftaħ il-bibien għal aktar edukazzjoni u taħriġ f'oqsma speċjalizzati tal-immaniġġjar tan-negozju jew l-intraprenditorija";

(vi) "Il-kwalifika "Ċertifikazzjoni fl-ewwel għajnuna" tagħti għarfien u ħiliet lill-individwi biex jagħtu assistenza immedjata waqt emerġenzi mediċi, filwaqt li tippromwovi s-sikurezza tagħhom u tan-nies ta' madwarhom fis-soċjetà".

Innota li l-istess deskrizzjoni tista' tenfasizza l-pożizzjoni tal-kwalifika għal aspett wieħed jew għall-aspetti kollha (is-suq tax-xogħol, is-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, is-soċjetà b'mod ġenerali, eċċ.).

(g) Agħżel u ikteb fil-qosor l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi ewlenin miksuba bil-kwalifika. Din tista' tkun utli biex wieħed jirrifletti fuq jekk l-enfasi hix aktar fuq l-għarfien teoretiku jew fattwali jew fuq il-ħiliet prattiċi, analitiċi jew trażversali[10]:

(i) evita dikjarazzjonijiet ġenerali: "Ikollhom ħiliet u kompetenzi professjonali ewlenin u *għarfien ġenerali tajjeb* fil-qasam tagħhom";

(ii) evita l-użu ta' aġġettivi ġenerali: "Ikunu jipprovdu servizz *tajjeb* lill-klijenti". Ara l-Anness III;

(iii) eżempji ta' sentenzi fin-narrattiva introduttorja li jistgħu juru l-kisba ta' ħiliet speċifiċi u tekniċi għal settur speċifiku jew għal okkupazzjoni speċifika, u ħiliet u għarfien aktar ġenerali applikabbli f'diversi setturi tas-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali jew it-tħejjija għal aktar tagħlim:

- "Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jinstallaw, isewwu u jwettqu kompiti b'mod sikur fir-residenzi u fl-industrija. Dawn jiżguraw li r-riżultat finali jkun sikur u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għax-xogħol";

[10] Id-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' għarfien u ħiliet jaf tkun qed issir b'modi differenti fil-pajjiżi. Fil-livell tal-UE, l-elementi ewlenin tad-deskritturi tal-livelli tal-QEK huma (1) l-għarfien deskritt bħala fattwali u/jew teoretiku; (2) il-ħiliet deskritti bħala konjittivi u prattiċi; u (3) l-awtonomija u r-responsabbiltà. Qabel ir-reviżjoni, it-tielet element kien jismu "kompetenza" iżda dan kien xorta deskritt mil-lat ta' awtonomija u responsabbiltà. Bir-reviżjoni tar-rakkomandazzjoni tal-QEK, it-titlu tat-tielet qasam tat-tagħlim inbidel minn "kompetenza" għal "awtonomija u responsabbiltà". Sors: Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar il-QEK.

- “Ikollhom firxa ta’ għarfien ġenerali bażiku, inkluż fin-numeriżmu u fil-litteriżmu u jkollhom kompetenzi ċiviċi biex jinvolvu ruħhom attivament fil-komunità”;
- “Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jiżguraw it-tħaddim bla xkiel ta’ sistemi tal-IT. Ikunu kapaċi jiżviluppaw, jadattaw u/jew imantnu dawn u jieħdu ħsieb lill-utenti”;
- “Ikunu kapaċi jibnu, jinstallaw, jerġgħu jibnu, imantnu u jirriabilitaw oġġetti tal-injam għal binjiet ta’ tipi differenti”;
- “Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jwettqu analiżi fil-fond ta’ riċerka eżistenti u jifformolaw mistoqsijiet tar-riċerka biex javvanzaw fir-riċerka dwar il-bijodiversità”.

(h) Indika l-livell ġenerali ta’ awtonomija u responsabbiltà. Dan jista’ jsir ukoll bi kwalifikaturi (aġġettivi u avverbji) u/jew billi tagħżel il-verbi u oġġetti tas-sentenza bir-reqqa. Eżempji:

(i) “Id-detenturi tal-kwalifika “Promotion and reception services operator” (QEK/QNK 3) ikunu kapaċi jaħdmu fi strutturi tal-akkomodazzjoni, aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi tal-assistenza turistika. Ikunu kapaċi jaħdmu f’livell eżekuttiv b’awtonomija u responsabbiltà limitati biex jagħtu servizzi ta’ akkoljenza u skont il-proċeduri preskritti tal-operazzjonijiet speċifiċi tagħhom”;

(ii) “Fil-kuntest ta’ xogħlijiet tal-kostruzzjoni b’kumplessità limitata, id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jikkoordinaw, jidderieġu u jaġġustaw l-attivitajiet tat-tim eżekuttiv fis-sit tal-kostruzzjoni”;

(iii) “Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kwalifikati biex jimmaniġġaw impjanti żgħar tat-trattament tal-ilma mormi”;

(iv) “Ikunu mistennija jaħdmu f’timijiet multidixxiplinari u jerfgħu responsabbiltà għal proċessi li ġeneralment ikunu f’kuntesti prevedibbli u stabbli, iżda soġġetti għal bidliet li jaf ikollhom bżonn adattabbiltà”.

(i) Ftakar li l-qarrejja tad-deskrizzjoni mhux bilfors ikunu midħla tal-kuntest nazzjonali. Oqgħod attent għal terminoloġija nazzjonali li jaf ma tinftehemx b’mod universali, jew ikkomplementaha bi spjegazzjoni:

(i) Evita: “Wara li jlestu eżami ta’ *matura* vokazzjonali, l-istudenti jistgħu jagħmlu kors ta’ *matura*/vokazzjonali u jgħaddu minn wieħed mill-eżamijiet *matura* ġenerali biex ikunu jistgħu jagħmlu programmi ta’ studju fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni speċjalista għolja” u minflok ikteb: “Il-kwalifika tagħti aċċess għal programmi ta’ studju vokazzjonali u professjonali ogħla u eżamijiet matura ġenerali meħtieġa għar-reġistrazzjoni fi programmi ta’ studju universitarji”;

(ii) Evita: "L-istruttura tal-kwalifika vokazzjonali fl-inġinerija elettrika u t-teknoloġija tal-awtomatizzazzjoni ġiet ippjanata biex l-edukazzjoni tal-electricians tkun adattata għall-Kwalifika fl-Elettriku 2 imsemmija fil-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza elettrika, u biex l-edukazzjoni tal-assemblaturi tal-awtomatizzazzjoni tkun adattata għall-Kwalifika tal-Elettriku 3." u minflok għarraf li l-kwalifika tagħti aċċess għal-livell tat-tagħlim li jmiss (Kwalifika tal-Elettriku 2 u 3) u/jew enfasizza l-osservanza mar-regolamenti għall-electricians.

**Kunsiderazzjonijiet u suġġerimenti addizzjonali**

(a) Jekk taħseb li tgħin biex jinftehmu aħjar l-objettiv u l-orjentazzjoni tal-kwalifika, agħti informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u rekwiżiti addizzjonali, intitolamenti (eż. aċċess għal kwalifiki regolati) u/jew kif tista' tinkiseb il-kwalifika. Eżempji:
   - (i) "Id-detenturi tal-kwalifika "Electrotechnician" (QEK/QNK 4) ikunu kapaċi jinstallaw, jgħaddu l-wajers, iqabbdu, iħaddmu [...]. Għat-twettiq ta' ċerti kompiti u/jew f'ċerti kuntesti, ċertifikati addizzjonali huma kundizzjoni meħtieġa jew mixtieqa;
   - (ii) "Il-kwalifika tista' tinkiseb bħala parti minn taħriġ inizjali meta l-istudent ikun impjegat f'istituzzjoni tal-kura tas-saħħa akkreditata;
   - (iii) "Il-kwalifika tista' tinkiseb b'taħriġ doppju ta' tliet snin fuq il-lant tax-xogħol u f'kulleġġ vokazzjonali.

(b) Jekk applikabbli u rilevanti, iċċara jekk id-detenturi setgħux ikunu kisbu tagħlim speċjalizzat minħabba speċjalizzazzjonijiet eżistenti jew unitajiet/moduli fakultattivi. Eżempju:
   - (i) Id-detenturi tal-kwalifika jaf ikollhom ħiliet aktar speċjalizzati fil-kura tax-xagħar u s-sbuħija, il-kura tal-ġilda, il-qtugħ tax-xagħar u s-sengħa tal-barbier, skont il-qasam ta' kompetenza magħżul. Il-kompetenza tista' tiġi estiża iżjed b'unitajiet fakultattivi fl-oqsma kollha.

## B2 – L-eżiti tat-tagħlim fil-punti inċiżi

Wara d-dikjarazzjoni introduttorja dwar l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifiki, id-deskrizzjoni tissokta b'lista ta' punti inċiżi dwar l-eżiti tat-tagħlim ewlenin.

Tabella 3. **L-eżiti tat-tagħlim fil-punti inċiżi**

| | |
|---|---|
| **Narrattiva li tippreżenta l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika** | Id-detenturi tal-kwalifika… |
| **Punti inċiżi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim** | Huma jkunu kapaċi:<br>1)<br>2)<br>3)<br>… |

*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.*

L-eżiti tat-tagħlim ewlenin elenkati bħala punti inċiżi għandhom jindirizzaw u joħorġu tliet aspetti ewlenin.

B.2.1. Il-firxa/l-ambitu tat-tagħlim miksub.

B.2.2. Il-profondità/il-kumplessità tat-tagħlim miksub.

B.2.3. Il-kuntest.

Il-firxa/l-ambitu, il-profondità/il-kumplessità u l-kuntest huma indirizzati b'mod separat fil-Linji Gwida ħalli tiġi enfasizzata r-rilevanza tagħhom. Madankollu dawn m'għandhomx jiġu ttrattati separatament jew applikati b'mod strett meta jkunu qed jiġu żviluppati d-deskrizzjonijiet qosra. Dawn jistgħu jirkbu fuq xulxin u, fid-deskrizzjonijiet għandhom jinteraġixxu u jwieżnu lil xulxin.

Apparti li jiddeskrivu l-aspetti tal-kontenut li jridu jiġu indirizzati fil-punti inċiżi, il-Linji Gwida jindikaw ukoll struttura sintattika biex jiġu artikolati l-punti inċiżi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim (ara t-Tabella 3).

Kaxxa 2. **Definizzjonijiet tal-kunċetti ewlenin**

**Il-firxa/l-ambitu tat-tagħlim** hi maħsuba biex tiċċara l-*ambitu* tat-tagħlim miksub bil-kwalifika, u għalhekk biex jiġu delimitati u indikati l-limiti u l-konfini tal-eżiti tat-tagħlim miksuba. Din hi maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar it-tipi ta' għarfien miksub u biex tiddeskrivi l-ħiliet u l-kompetenzi miksuba mid-detenturi tal-kwalifika. L-oqsma tat-tagħlim (magħrufin bħala d-dimensjoni orizzontali tal-Oqfsa tal-Kwalifiki) deskritti bid-

deskritturi tal-livelli tal-QEK/QNK huma punt tat-tluq għal riflessjoni dwar il-firxa tat-tagħlim[11]. Ara wkoll l-Anness IV.

**Eżempju:** Id-detenturi tal-kwalifiki jkunu kapaċi jqabblu u jevalwaw inizjattivi ta' politika edukattivi fil-pajjiżi tal-UE biex iservu ta' tagħrif għal teħid ta' deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza.

**Eżempju:** Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jagħżlu u japplikaw l-aktar teknika innovattiva tar-restawr biex jippreservaw u jipproteġu l-istrutturi storiċi.

**Eżempju:** Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jinstallaw u jsewwu oġġetti tal-injam għal binjiet residenzjali u industrijali differenti.

**Kumment**: billi tagħżel bir-reqqa l-verbi ("iqabblu u jassessjaw" "jagħżlu u japplikaw" "jinstallaw u jsewwu"), u l-oġġett tas-sentenza ("inizjattivi ta' politika edukattiva tal-pajjiżi tal-UE", "teknika innovattiva tar-restawr", "oġġetti tal-injam") u billi żżid informazzjoni dwar il-kuntest ("biex iservu ta' tagħrif għal teħid ta' deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza"; "biex jippreservaw u jipproteġu l-istrutturi storiċi"; "għal binjiet residenzjali u industrijali differenti); jistgħu jinftiehmu x'inhuma l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza miksuba mid-detenturi tal-kwalifika – il-firxa/l-ambitu tat-tagħlim, eżempju "għarfien dwar inizjattivi ta' politika edukattiva", "tekniki għal tqabbil bejn il-pajjiżi u evalwazzjoni tal-politika", jew "restawr ta' strutturi storiċi"; "ħiliet prattiċi relatati mal-installazzjoni u t-tiswija", eċċ.

**Il-profondità/il-kumplessità tat-tagħlim** hi maħsuba biex tiċċara l-kumplessità u s-sofistikazzjoni tat-tagħlim miksub. Fl-istess qasam tat-tagħlim (eż. għarfien teoretiku jew ħiliet prattiċi) jistgħu jinkisbu gradi differenti ta' għarfien espert u profiċjenza. Id-deskritturi tal-livelli tal-QEK/QNK għal kull livell (magħrufin bħala d-dimensjoni vertikali tal-Oqfsa tal-Kwalifiki) huma punt tat-tluq biex jiġu definiti l-profondità u l-kumplessità tat-tagħlim[12].

**Eżempju:** id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jagħżlu u japplikaw b'mod awtonomu l-aktar għodod tar-riċerka xierqa għall-ġbir ta' evidenza empirika fil-qasam tal-bijoloġija marina.

**Eżempju:** id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jiġbru evidenza empirika b'superviżjoni li tikkontribwixxi għal studji kontinwi fil-qasam tal-bijoloġija marina.

**Kumment**: billi tagħżel bir-reqqa l-verbi ("jagħżlu u japplikaw", "jiġbru"), u l-oġġett tas-sentenza ("għodda tar-riċerka", "evidenza empirika") u billi tuża l-kwalifikatur "b'mod awtonomu" u billi żżid informazzjoni dwar il-kuntest ("għall-ġbir tal-evidenza" jew "studji ta' sostenn fil-qasam tal-bijoloġija marina") tista' tesprimi l-livell ta' kumplessità tat-tagħlim miksub.

[11] Fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, it-tliet oqsma tat-tagħlim huma (1) L-għarfien: deskritt bħala teoretiku u/jew fattwali; 2) Il-ħiliet: deskritti bħala konjittivi (jinvolvu l-użu ta' ħsieb loġiku, intwittiv u kreattiv) u prattiċi (jinvolvu l-kapaċità manwali u l-użu ta' metodi, materjali, għodod u strumenti); 3) Ir-responsabbiltà u l-awtonomija: deskritti bħala l-kapaċità tal-istudenti li japplikaw l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u b'responsabbiltà. Dan jissejjaħ ukoll id-dimensjoni vertikali tal-QEK.

[12] Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għandu tmien livelli, deskritti mil-lat ta' eżiti tat-tagħlim. Il-livell jiżdied skont il-livell ta' profiċjenza, jiġifieri l-livell 1 ikun l-aktar baxx ta' profiċjenza u l-livell 8 jkun l-ogħla wieħed. Dan jissejjaħ ukoll id-dimensjoni vertikali tal-QEK.

**Informazzjoni dwar il-kuntest**: meta tikteb is-sentenzi ta' eżiti tat-tagħlim speċifiċi (fil-forma ta' punti inċiżi), l-informazzjoni dwar il-kuntest isservi biex tispeċifika aktar l-eżiti tat-tagħlim miksuba. Minbarra l-verbi u l-oġġetti li jiffurmaw sentenza bażika, informazzjoni addizzjonali dwar il-kuntest isservi biex tipprovdi aktar dettalji, pereżempju dwar sitwazzjonijiet, metodi u kundizzjonijiet: il-verbi jew l-oġġetti tas-sentenza waħedhom mhumiex biżżejjed biex ikopru l-firxa u l-profondità tal-eżiti tat-tagħlim. Biex jgħinu f'dan il-proċess, dawn il-Linji Gwida jinkludu wkoll rakkomandazzjonijiet dwar l-istruttura sintattika tas-sentenzi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim (ara t-Tabella 3). Fl-istess ħin, l-informazzjoni dwar il-kuntest tista' tgħin biex tiċċara r-rwol u l-pożizzjoni tal-kwalifiki fejn jidħlu s-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u s-soċjetà b'mod ġenerali. Dan l-aħħar aspett għandu diġà joħroġ fin-narrattiva li tippreżenta l-objettivi u l-orjentazzjoni ġenerali tal-kwalifika (B1).

Eżempji preċedenti f'din il-kaxxa illustrattiva, fit-Taqsima B1 u fil-bqija ta' din it-taqsima jipprovdu eżempji dwar kif għandu jiġi indirizzat il-kuntest fis-sentenzi tal-eżiti tat-tagħlim espress fil-punti inċiżi.

**Mistoqsijiet gwida**

Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt huma maħsuba biex jgħinu għal riflessjoni dwar aspetti li jistgħu jiġu ppreżentati meta jkunu qed jiġu żviluppati l-punti inċiżi li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim (B.2). L-għan mhux li jitwieġbu l-mistoqsijiet kollha direttament jew mekkanikament.

(a) X'mistennija jkunu jafu d-detenturi tal-kwalifika u b'liema livell ta' profiċjenza?
  - (i) Għarfien ġenerali bażiku?
  - (ii) Għarfien tekniku u speċjalizzat?

(b) X'mistennija jkunu kapaċi jagħmlu d-detenturi tal-kwalifika u b'liema livell ta' profiċjenza?
  - (i) Ħiliet prattiċi?
  - (ii) Ħiliet analitiċi?
  - (iii) Bażiku jew avvanzat?

(c) X'inhu mistenni mid-detenturi tal-kwalifika mil-lat ta' ħiliet u kompetenzi usa' iżda rilevanti u trażversali?
  - (i) Ħiliet u kompetenzi ta' awtoġestjoni (eż. tmexxija tal-ħin, tagħlim dwar kif titgħallem)?
  - (ii) Ħiliet u kompetenzi fil-komunikazzjoni (preżentazzjoni bit-taħdit u bil-kitba, eċċ.)?
  - (iii) Ħiliet u kompetenzi soċjali (ħidma f'tim, immaniġġjar ta' oħrajn, eċċ.)?
  - (iv) Tipi oħra potenzjali ta' ħiliet u kompetenzi b'rilevanza diretta għall-kwalifika u l-qasam ta' applikazzjoni tagħha?

(d) X'inhu mistenni mid-detenturi tal-kwalifika, pereżempju fejn tidħol l-abbiltà li jaħdmu b'mod awtonomu u li jerfgħu responsabbiltà?

**Rakkomandazzjonijiet**

(a) Iffoka u agħti prijorità lill-eżiti tat-tagħlim essenzjali li jinkludu l-orjentazzjoni ġenerali, il-kontenut u l-kumplessità tal-kwalifika.

(b) Id-detenturi tal-kwalifika għandhom jibqgħu dejjem fiċ-ċentru.

(c) L-għażla bir-reqqa tal-verbi tal-azzjoni u tal-oġġetti tas-sentenza, u tal-informazzjoni dwar il-kuntest (B.2.3) huma aspett importanti għall-firxa (B.2.1) u għall-profondità (B.2.2).

(d) Is-sintassi tas-sentenza, mil-lat ta' kif għandu jiġi organizzat il-kontenut, tista' wkoll tgħin biex il-kwalifika tinftehem aħjar. Hu rrakkomandat li tintuża l-istruttura li ġejja: suġġett – verb tal-azzjoni – oġġett – kuntest ([13]).

Tabella 4. **Sintassi tas-sentenzi (punti inċiżi) li jesprimu l-eżiti tat-tagħlim**

| **Suġġett** | **Verb tal-azzjoni** | **Oġġett tal-verb** | **Kuntest** |
|---|---|---|---|
| | **L-avverbji u l-aġġettivi jistgħu jintużaw meta jitqies rilevanti, iżda jeħtieġ jintużaw b'kawtela** | | |
| Id-detenturi tal-kwalifika... | jkunu kapaċi jippreżentaw | ir-riżultati bil-miktub tal-analiżi tar-riskju | b'mod li ħaddieħor ikun jista' jsegwi l-proċess u jirreplika r-riżultati. |
| Huma... | jkunu kapaċi jiddistingwu bejn | l-effetti ambjentali | tal-gassijiet tat-tkessiħ użati f'sistemi tar-refriġerazzjoni. |
| Id-detenturi tal-kwalifika... | jkunu kapaċi jikkoordinaw | attivitajiet tat-tim eżekuttiv | fuq siti tal-kostruzzjoni b'kumplessità limitata. |
| Huma... | jkunu kapaċi jwettqu | projezzjonijiet finanzjarji avvanzati | b'għodod għall-ippjanar tan-negozju, u jappoġġaw l-ippjanar finanzjarju u tan-negozju. |

*Sors: il-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki u l-adattament mis-Cedefop (2022). Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook – it-tieni edizzjoni. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.*

(e) Agħżel il-verbi u l-oġġetti bir-reqqa għal kull sentenza u ara li dawn ikunu jistgħu jgħinu biex jinftehmu l-firxa/l-ambitu (B.2.1) u l-profondità/il-kumplessità (B.2.2) tat-tagħlim u l-kuntest (B.2.3). Ara l-Anness II.

Eżempji ta' verbi li jagħtu ħjiel dwar il-firxa/l-ambitu (B.2.1) tat-tagħlim miksub:

(i) Il-verb "jinstallaw" jista' jimplika l-kisba ta' ħiliet prattiċi, filwaqt li l-verb "jirriċerkaw" jista' jimplika ħiliet analitiċi;

[13] Filwaqt li l-kategorija "kuntest" fit-Tabella 4 mhix "kategorija grammatikali" (bħall-verbi jew in-nomi), dawn il-Linji Gwida u l-Manwal tas-Cedefop dwar l-Eżiti tat-Tagħlim jirrakkomandaw li l-kuntest jitqies parti mis-sintassi tas-sentenza bħala mod kif tkun żgurata l-informazzjoni dwar dan l-aspett.

(ii) Innota li l-ħiliet prattiċi jew analitiċi jistgħu jkunu fl-istess livell tal-kumplessità, u f'dan il-każ it-tifsira tal-verbi sservi biex tagħti indikazzjonijiet dwar il-firxa/l-ambitu tat-tagħlim. Iż-żewġ verbi jistgħu wkoll ikunu parti mill-istess kwalifika.

Eżempji ta' oġġetti differenti li jagħtu ħjiel dwar il-firxa/l-ambitu (B.2.1) tat-tagħlim miksub:

(i) "Huma jkunu kapaċi jqabblu l-inizjattivi ta' politika…" hi differenti minn "Huma jkunu kapaċi jqabblu d-dħul tal-baġit…" jew "Huma jkunu kapaċi jqabblu t-teknoloġiji tal-kostruzzjoni…";

(ii) Innota li dawn l-eżiti tat-tagħlim jistgħu jkunu fl-istess livell tal-kumplessità.

Eżempji ta' verbi li jagħtu ħjiel dwar il-profondità/il-kumplessità (B.2.2) tat-tagħlim miksub:

(i) Verbi bħal "jevalwaw u jtejbu", "jidderieġu", u "janalizzaw u jottimizzaw" jistgħu juru kumplessità akbar meta mqabbla ma' verbi bħal "jassistu", "jirrepetu", "jeżegwixxu", u "jiċċekkjaw".

Eżempji ta' oġġetti differenti bl-istess verbi, li jaffettwaw il-fehim tal-profondità/tal-kumplessità (B.2.2) tat-tagħlim miksub; dan juri l-importanza li l-oġġett tas-sentenza u tat-tagħlim jintgħażel bir-reqqa.

(i) "Huma jkunu kapaċi janalizzaw ir-rispons tal-klijenti miġbur bi stħarriġiet online strutturati u predefiniti" hi differenti minn "Huma jkunu kapaċi janalizzaw sekwenzi ġenetiċi biex jadattaw it-trattamenti mediċi"; "Huma jkunu kapaċi jabbozzaw sommarji sempliċi" hi differenti minn "Huma jkunu kapaċi jabbozzaw proposta komprensiva għal riċerka".

Eżempji ta' verbi li jagħtu ħjiel dwar il-kuntest (B.2.3) fejn tidħol l-applikazzjoni tat-tagħlim u/jew x'jistgħu jagħmlu d-detenturi bil-kwalifiki miksuba:

(i) L-użu ta' verbi bħal "jarmaw", "joħolqu", "jibnu" jista' jindika li l-kwalifika tipprepara prinċipalment għal impjiegi li jiddependu fuq ħiliet prattiċi;

(ii) L-użu ta' verbi bħal "janalizzaw", "jiddeskrivu", "jabbozzaw" jista' jindika li l-kwalifika tipprepara prinċipalment (jew ukoll) għal impjiegi li jiddependu fuq ħiliet analitiċi jew għal aktar tagħlim.

Eżempji ta' oġġetti tas-sentenza li jagħtu ħjiel dwar il-kuntest fejn tidħol l-applikazzjoni tat-tagħlim u x'jistgħu jagħmlu d-detenturi bil-kwalifiki miksuba:

(i) "Id-detenturi jkunu kapaċi janalizzaw każijiet legali"... tista' tissuġġerixxi r-rilevanza tal-eżiti tat-tagħlim għal ambjent legali;

(ii) "Id-detenturi jkunu kapaċi jwettqu esperimenti fil-laboratorju"... tista' tissuġġerixxi r-rilevanza tal-eżiti tat-tagħlim għal ambjent tal-laboratorju.

(f) Inkludi informazzjoni dwar il-kuntest (eż. dwar il-kundizzjonijiet, is-sitwazzjonijiet, il-metodi, l-għan) biex ikunu jistgħu jinftehmu aħjar l-ambitu/tal-firxa (B.2.1) u l-profondità/l-kumplessità (B.2.2) tat-tagħlim u fejn jistgħu jiġu applikati l-eżiti tat-tagħlim miksuba.
Eżempji:
   (i) "Huma jkunu kapaċi janalizzaw każijiet legali biex janalizzaw l-implikazzjonijiet legali u jagħtu rakkomandazzjonijiet infurmati lill-klijenti";
   (ii) "Huma jkunu kapaċi janalizzaw każijiet legali u jistħarrġu teoriji legali biex jikkontribwixxu għall-pubblikazzjoni ta' artikli akkademiċi";
   (iii) "Huma jkunu kapaċi jagħmlu esperimenti fil-laboratorju biex juru reazzjonijiet u prinċipji kimiċi bażiċi lill-istudenti żgħażagħ";
   (iv) "Huma jkunu kapaċi jagħmlu esperimenti fil-laboratorju biex jistħarrġu l-effettività ta' mediċini farmaċewtiċi";
   (v) "Huma jkunu kapaċi jikkomunikaw bl-Ingliż, bħala utent indipendenti, għal informazzjoni turistika u dwar akkomodazzjoni f'lukanda";
   (vi) "Huma jkunu kapaċi jużaw sistemi kompjuterizzati u software għal preżentazzjonijiet grafiċi sempliċi bi- jew tri-dimensjonali";
   (vii) "Huma jkunu kapaċi jwettqu rinfurzar tal-istruttura tal-bini u ta' partijiet tal-bini skont linji gwida nazzjonali għal kisi, ankraġġ u ċumbar".

(g) Jekk tinkludi xi kwalifikaturi (avverbji u aġġettivi), ara li dawn jikkontribwixxu għal aktar preċiżjoni, u għalhekk evita aġġettivi vagi/ġenerali. Ara l-Anness IV.
Eżempji ta' aġġettivi li jistgħu jiċċaraw il-profondità/il-kumplessità tat-tagħlim:
   (i) "Id-detenturi jkunu kapaċi jiżviluppaw programmi sempliċi tal-kompjuter għall-ipproċessar u l-viżwalizzazzjoni tad-dejta";
   (ii) "Id-detenturi jkunu kapaċi jidentifikaw b'mod awtonomu l-materjali u l-għodod biex jinbnew soqfa waterproof";
   (iii) "Id-detenturi jkunu kapaċi jagħmlu operazzjonijiet ta' rutina skont struzzjonijiet, inkluż operazzjoni kirurġika".

(h) Ippreżenta l-għarfien u l-ħiliet, inkluż il-ħiliet trażversali meta rilevanti, b'mod interkonness u integrat, billi:
   (i) Tevita li taqsam l-għarfien u l-ħiliet f'listi separati jew f'elementi ta' lista għall-firxa jew il-profondità separatament;
   (ii) Tirrifletti fuq jekk l-għarfien u l-ħiliet jistgħux jiġu ppreżentati flimkien jew jekk ir-rabta tagħhom tistax tiġi preżunta/implikata.
   Eżempji:
      - "Huma jkunu kapaċi jlestu installazzjoni elettrika skont ir-regolamenti attwali tas-saħħa u s-sikurezza";

- “Huma jkunu kapaċi jiddisinjaw u jimplimentaw algoritmi li janalizzaw xejriet tas-suq finanzjarju”;
- “Huma jkunu kapaċi jipprovdu trattamenti tas-sbuħija u jiggwidaw lill-klijenti fil-kura personali tal-ġilda u l-użu tal-prodotti”.

(i) Irrifletti fuq l-objettivi u l-orjentazzjoni tal-kwalifiki biex issib bilanċ, pereżempju bejn l-għarfien bażiku (eż. il-matematika bażika, ix-xjenza, il-lingwi); l-għarfien avvanzat; il-ħiliet speċjalizzati u tekniċi avvanzati (eż. relatati ma' kompitu jew funzjoni); jew il-ħiliet u l-kompetenzi trażversali (eż. soluzzjoni tal-problemi, tagħlim dwar kif titgħallem, u l-komunikazzjoni). Il-mod kif tartikola d-deskrizzjonijiet jagħti tagħrif dwar jekk l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza miksubin humiex, pereżempju, rilevanti biss għal okkupazzjoni speċifika jew għal settur speċifiku, għal setturi transprofessjonali, għas-soċjetà b'mod ġenerali, jew jekk iservux primarjament bħala skaluna għal aktar tagħlim. Eżempji:

  (i) “Huma ikunu kapaċi jsemmu forom u għamliet ġeometriċi... ”;
  (ii) “Ikunu kapaċi jkejlu u janalizzaw il-parametri fiżiċi ta' impjanti u apparati elettriċi biex isibu żbalji u jibdew jittieħdu l-miżuri”;
  (iii) “Ikunu kapaċi jikkomunikaw professjonalment mal-kollegi, il-klijenti u l-viżitaturi personalment, bit-telefown jew b'korrispondenza miktuba... ”;
  (iv) “Ikunu kapaċi jintegraw l-elementi bażiċi tal-ekonomija tal-inġinerija u kunsiderazzjonijiet tal-protezzjoni ambjentali biex jippjanaw strutturi tal-kostruzzjoni”;
  (v) “Ikunu kapaċi jidentifikaw b'mod indipendenti l-valuri tal-parametri ewlenin biex jipproċessaw u jużaw il-proċedura tal-injection moulding”;
  (vi) “Ikunu kapaċi jagħżlu, iħejju u jużaw fjuri maqtugħin, pjanti ħodor u pjanti mħawlin fil-qsari differenti biex jagħmlu arranġamenti u dekorazzjonijiet tal-fjuri”;
  (vii) “Ikunu kapaċi jiżviluppaw, jiktbu u jevalwaw proġetti territorjali dwar iddemokrazija u l-governanza lokali”;
  (viii) “Ikunu kapaċi jorganizzaw attivitajiet artistiċi parteċipattivi u jfassluhom apposta għall-ħtiġijiet tat-tfal, inkluż fl-isptarijiet”.

(j) Indika l-livell ta' awtonomija u responsabbiltà mistenni f'xogħolhom jew meta jissorveljaw lil ħaddieħor.
Eżempji:

  (i) “Huma jkunu kapaċi jfasslu, jikkoordinaw u jmexxu b'mod indipendenti proċessi u proġetti edukattivi waħedhom jew id f'id ma' kollegi u timijiet”;

(ii) "Ikunu kapaċi jagħtu struzzjonijiet tekniċi lill-ħaddiema u lis-sottokuntratturi, u jiċċekkjaw l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-kostruzzjoni għall-kwalità u l-osservanza tar-regolamenti";

(iii) "Ikunu kapaċi jippjanaw u jimmonitorjaw il-proċess tax-xogħol u tan-negozju... ";

(iv) "Ikunu kapaċi jassistu lill-mexxej tal-proġett f'ħidmietu...;

(v) "Ikunu kapaċi jiżviluppaw b'mod indipendenti pjanijiet ta' implimentazzjoni għal strutturi tal-bini u, jekk meħtieġ, jaġġustawhom waqt it-twettiq tal-proġett ta' bini";

(vi) "Ikunu kapaċi jiddeterminaw b'mod awtonomu d-dimensjonijiet tal-elementi tal-bini, iżda mhux li jgħaqqduhom fi strutturi lesti (bini sħiħ), u għalhekk ikun għadhom ma jistgħux jippjanaw binjiet sħaħ";

(vii) "Ikunu kapaċi jwettqu kompiti sempliċi speċifiċi b'mod awtonomu u kreattiv fil-qasam tal-inġinerija ċivili u jwettqu kompiti aktar kumplessi fi grupp".

(k) Agħżel il-verbi tal-azzjoni bir-reqqa, u evita l-verbi vagi. Ara l-Anness II.

(l) Uża l-forma attiva flok il-forma passiva u ibni s-sentenzi madwar il-verb. Eżempji:

(i) minflok:
"Is-saħħa tal-muskoli tal-pazjent tista' tiġi assessjata...
ikteb:
"Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jassessjaw is-saħħa tal-muskoli tal-pazjenti biex jipprovdu trattamenti personalizzati li jtaffu l-uġigħ u jtejbu l-mobbiltà".

(m) Evita li tuża l-verbi bħala nomi.

(i) minflok:
"Kollaborazzjoni fit-tfassil u l-ħolqien tal-mudell...";
ikteb:
"Huma jikkollaboraw biex jiddisinjaw / ifasslu...";

(ii) minflok:
"Huma wrew kompetenza fil-bini, l-installazzjoni, il-manutenzjoni u r-riabilitazzjoni ta' oġġetti tal-injam għal binjiet ta' tipi differenti";
ikteb:
"Huma jkunu kapaċi jibnu, jinstallaw, imantnu u jirriabilitaw oġġetti tal-injam...".

(n) Evita ripetizzjonijiet u strutturi tas-sentenza kumplessi.

(o) Esprimi l-profondità u l-kumplessità tat-tagħlim b'allinjament mad-deskritturi tal-QEK/QNK iżda ara li tiddefinixxi eżiti tat-tagħlim speċifiċi u dettaljati li jkunu adattati għall-kwalifika speċifika[14].

**Kunsiderazzjonijiet u suġġerimenti addizzjonali**

(a) Kull sentenza tista' tikkombina aktar minn verb wieħed, iżda l-aħjar jekk tkun tirreferi għall-istess oġġett/nom u turi sekwenza loġika li turi kumplessità dejjem akbar (inkella se tiżdied l-ambigwità u l-kumplessità). Ara l-Anness II.

(i) Eżempju ta' kombinament ta' verbi li jista' juri kumplessità akbar: "Huma jkunu kapaċi jippjanaw, jikkoordinaw u jimmonitorjaw kunċetti loġistiċi u l-faċilitajiet tas-sit tal-kostruzzjoni, inkluż scaffolding tax-xogħol u protettiv."

(ii) Minflok:
"Huma jkunu kapaċi jippjanaw forom tal-konkos (formwork), armar tar-rinfurzar u tferrigħ tal-konkos għal binjiet ġodda, u l-manutenzjoni ta' materjali tal-bini, u jivvalutaw l-ispejjeż, il-ħin meħtieġ u l-impatt ambjentali tax-xogħol."

Ikteb:
"Id-detenturi tal-kwalifiki jkunu kapaċi jippjanaw forom tal-konkos (formwork), armar tar-rinfurzar u tferrigħ tal-konkos għal binjiet ġodda, u l-manutenzjoni ta' materjali tal-bini."
"Ikunu kapaċi jivvalutaw l-ispejjeż, il-ħin meħtieġ u l-impatt ambjentali tax-xogħol."

(b) Filwaqt li l-livell tal-QEK/QNK ta' kwalifika jipprovdi "livell ġenerali jew medju" tal-kwalifika (iċ-"ċentru tal-gravità" tagħha) meta titqies it-totalità tal-elementi, il-livell tal-kumplessità assoċjat ma' eżiti tat-tagħlim individwali speċifiċi fil-punti inċiżi jista' jkun inqas jew iżjed minn dak il-medju. Filwaqt li huma mistennija xi varjazzjonijiet, dawn ma għandhomx ikunu kbar wisq għax inkella joħolqu dubji fuq il-konsistenza ġenerali tal-kwalifika.

(c) Hu essenzjali li nagħrfu d-differenza bejn dak li jista' jiġi osservat direttament u bla ambigwità (l-abbiltà li bennej iqiegħed kantun fuq kantun) u dak li hu aktar kumpless biex jiġi osservat (l-abbiltà li bennej jippjana u jikkoopera ma' ħaddiema ta' snajja' oħrajn fis-sit tal-kostruzzjoni). Il-ħiliet li diffiċli jiġu osservati huma wkoll essenzjali u jeħtieġ jiġu indirizzati u identifikati b'mod sistematiku.

[14] Id-deskritturi tal-livelli tal-QNK normalment jibqgħu f'livell ġenerali għax dawn jilħqu firxa wiesgħa ta' kwalifiki. L-eżiti tat-tagħlim li jiddeskrivu kwalifiki individwali jridu jkunu aktar dettaljati u speċifiċi, filwaqt li jibqgħu koerenti mad-deskritturi tal-livelli tal-QNK/QEK.

(d) Il-verbi li jindikaw azzjonijiet osservabbli u li jistgħu jitkejlu jgħinu biex tonqos l-ambigwità tad-deskrizzjonijiet.

(e) L-eżiti tat-tagħlim li ma jistgħux jiġu osservati jew imkejla direttament u faċilment iridu jiġu deskritti b'indikazzjoni bir-reqqa tal-oġġett tas-sentenza u l-kuntest.

(f) Filwaqt li jqisu l-limitazzjonijiet fit-tul tad-deskrizzjoni kif jissuġġerixxu dawn il-Linji Gwida, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jiddeċiedu jekk u kif jiddistingwu bejn eżiti obbligatorji u eżiti (elettivi) komplementari.

# Akronimi

| | |
|---|---|
| Cedefop | Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali |
| ELM | Il-Mudell tat-Tagħlim Ewropew |
| QEK | Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki |
| ETF | Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ |
| QNK | Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki |
| QDR | Ir-Reġistru tas-Sett tad-Dejta tal-Kwalifiki |
| VET | L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali |

# Annessi

## Anness I. Eżempji ta' deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim

L-eżempji mudell li ġejjin ta' deskrizzjonijiet qosra huma maħsuba biex juru applikazzjoni tal-Linji Gwida fil-prattika u jiċċaraw kif jistgħu jintużaw l-Linji Gwida. Dawn issejsu fuq deskrizzjonijiet nazzjonali reali żviluppati skont il-Linji Gwida fil-kuntest tal-grupp tal-proġett u sarulhom aġġustamenti u reviżjonijiet kollettivi mill-membri tal-grupp tal-proġett biex jallinjawhom aħjar mar-rakkomandazzjonijiet tal-Linji Gwida.

| Kwalifika: psikologu kliniku |
|---|
| Il-psikologi kliniċi (QEK/QNK 7) jiżviluppaw u japplikaw it-teoriji, il-metodi u t-tekniki tal-psikoloġija klinika xjentifika fil-promozzjoni tas-saħħa, l-iskrinjar, id-dijanjostika psikoloġika u l-evalwazzjoni tal-problemi tas-saħħa, kif ukoll fil-prevenzjoni, il-gwida u t-trattament ta' persuni li jeħtieġu kura jew appoġġ. B'hekk, il-pazjenti tal-kura tas-saħħa jiksbu appoġġ mill-bidu nett kemm b'ħidma fuq l-iżvilupp tagħhom kif ukoll b'titjib fl-indipendenza funzjonali u l-benesseri tagħhom. Il-pussess tal-viża ta' psikologu kliniku kif stabbilit fil-Liġi dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa Mentali hu prerekwiżit għall-qadi tal-professjoni. |

Il-psikologi kliniċi jkunu kapaċi:

(a) ifasslu evalwazzjoni psikoloġika;
(b) japplikaw interventi li jtaffu t-tbatija u jippromwovu s-saħħa u l-benesseri tal-individwi, il-gruppi u l-organizzazzjonijiet;
(c) jiġġeneraw riċerka u sejbiet li jikkontribwixxu għall-għarfien professjonali u/jew jevalwaw l-effiċjenza ta' diversi attivitajiet professjonali;
(d) jintegraw ir-riċerka u l-għarfien espert kliniku b'koordinazzjoni ma' pazjenti, u l-kuntest tagħhom;
(e) japplikaw għarfien u metodi xjentifiċi;
(f) jaġixxu skont il-kodiċi tal-etika;
(g) jiżviluppaw u jżommu relazzjoni ta' xogħol professjonali mal-pazjenti tal-kura;
(h) jipprattikaw il-professjoni bi professjonalità u b'responsabbiltà għas-soċjetà;
(i) jiżviluppaw u jtejbu l-għarfien espert tagħhom;
(j) jirriflettu, jagħmlu awtoevalwazzjoni u jieħdu ħsieb il-kura tagħhom stess;
(k) jinteraġixxu ma' professjonisti ta' diversi dixxiplini.

| **Kwalifika: information technology assistant** |
| --- |
| Id-detenturi tal-kwalifika (QEK/QNK 4) ikunu kapaċi jiżguraw it-tħaddim bla xkiel ta' sistemi tal-IT. Ikunu kapaċi jiżviluppawhom, jadattawhom u/jew imantnuhom u jieħdu ħsieb lill-utenti. Ikollhom għarfien prattiku mix-xjenza tal-kompjuter, l-inġinerija elettrika u l-inġinerija tal-produzzjoni.<br><br>Ikunu jaħdmu b'mod indipendenti u/jew f'tim f'kumpaniji li jiżviluppaw u joffru prodotti u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jew f'awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi.<br><br>Dan hu taħriġ vokazzjonali inizjali bbażat f'kulleġġ. B'mod fakultattiv, tista' tinkiseb il-kwalifika tad-dħul fl-edukazzjoni għolja. |

Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi:

(a) janalizzaw, jivvalutaw u jottimizzaw proċessi operazzjonali, flussi tax-xogħol u kundizzjonijiet qafas fir-rigward tal-użu tas-sistemi tal-IT;
(b) jiddisinjaw proċessi operattivi b'għajnuniet tekniċi u organizzattivi;
(c) jiżviluppaw software tal-applikazzjoni u jadattawh għal proċessi operazzjonali;
(d) janalizzaw, jippjanaw, jibnu, jikkummissjonaw u jikkonnettjaw sistemi tal-IT;
(e) janalizzaw, jibnu, jikkonnettjaw ma' sistemi tal-IT, jipprogrammaw u jikkummissjonaw sistemi tal-awtomatizzazzjoni;
(f) jippjanaw, joħolqu u jħaddmu database b'lingwi tal-ipprogrammar xierqa u għodod għall-iżvilupp tas-software;
(g) jiżguraw il-provvista tal-enerġija għas-sistemi tal-IT u jottimizzaw il-konsum tal-enerġija;
(h) josservaw l-istandards u r-regolamenti tal-industrija u leġiżlattivi u jħaddmu regoli u regolamenti tekniċi;
(i) jirrispettaw is-sigurtà tad-dejta, il-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet tal-awturi;
(j) isawru u jirriflettu b'mod responsabbli fuq l-ambjent u l-proċessi operatorji tagħhom;
(k) japplikaw standards u linji gwida biex jiżguraw il-kwalità tal-proċessi u tal-prodotti;
(l) jikkooperaw u jikkomunikaw f'timijiet;
(m) janalizzaw ir-rekwiżiti tal-klijenti u jagħtu pariri lill-klijenti bl-Ingliż;
(n) jiksbu, jippreparaw u jippreżentaw informazzjoni u dokumenti bl-Ingliż fir-rigward tal-attività.

| Kwalifika: xogħol tal-konkrit |
| --- |
| Il-professjoni tal-konkrit (QEK/QNK 4) tista' tippjana forom tal-konkos (formwork), armar tar-rinfurzar u tferrigħ tal-konkos għal binjiet ġodda, u l-manutenzjoni ta' materjali tal-bini. Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi jibnu djar, binjiet kummerċjali, sptarijiet, skejjel u digi. Il-kwalifika tista' tinkiseb wara erba' snin ta' taħriġ doppju fil-kumpanija tat-taħriġ u f'kulleġġ vokazzjonali. Il-kompetenza tista' tkompli titwessa' bl-edukazzjoni vokazzjonali terzjarja fil-livell 5 tal-QEK. |

Id-detenturi tal-kwalifika jkunu kapaċi:

(a) jaħdmu b'mod indipendenti skont mudelli ta' informazzjoni tal-bini, tpinġijiet, deskrizzjonijiet u soluzzjonijiet prefabbrikati;
(b) jivvalutaw l-ispejjeż, il-ħin meħtieġ u l-impatt ambjentali tax-xogħol;
(c) jippjanaw forom tal-konkos (formwork) u partijiet tal-bini b'forom tradizzjonali u sistemiċi;
(d) iwettqu rinfurzar tal-istruttura tal-bini u ta' partijiet tal-bini skont deskrizzjonijiet għal kisi, ankraġġ u ċumbar;
(e) jagħtu rendikont tal-proċessi tax-xogħol b'metodi prefabbrikati u tradizzjonali;
(f) jagħmlu t-tferrigħ tal-konkos għal partijiet strutturali u sulari differenti u jivvalutaw il-konsegwenzi ta' pressjonijiet differenti waqt it-tferrigħ;
(g) jissortjaw u jimmaniġġjaw l-iskart skont ir-regolamenti fis-seħħ, jerġgħu jużaw xi materjali, u jagħrfu l-konsegwenzi ta' mmaniġġjar ħażin;
(h) jieħdu ħsieb jagħmlu u jużaw sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità, iwettqu xogħol skont ir-rekwiżiti fis-seħħ dwar is-saħħa, l-ambjent u s-sikurezza, u jagħrfu l-konsegwenzi meta r-rekwiżiti ma jiġux osservati;
(i) jivvalutaw ir-riskji skont ir-regolamenti fis-seħħ u jwettqu analiżi għal xogħol sikur;
(j) joperaw skont ir-regolamenti u l-ftehimiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-professjoni, u jispjegaw id-doveri u d-drittijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati;
(k) jirriflettu fuq it-talbiet u l-aspettattivi mistennija minn komunità professjonali ugwali u inkluživa.

# Anness II. Il-verbi tal-azzjoni

### Verbi ambigwi u verbi preċiżi: il-Manwal tas-Cedefop dwar l-eżiti tat-tagħlim[15]

| Ambigwi | | Preċiżi | |
|---|---|---|---|
| jafu<br>jifhmu<br>igawdu<br>jiddeterminaw<br>japprezzaw | jagħrfu t-tifsira ta'<br>isiru midħla ta'/familjari ma'<br>jemmnu<br>ikunu konxji ta'<br>jifhmu profondament | jiddistingwu bejn<br>jiddifferenzjaw<br>jarmaw<br>jaġġustaw<br>jidentifikaw<br>isolvu | jiktbu<br>jaqraw<br>jibnu<br>jikkuntrastaw<br>iqabblu<br>jelenkaw/isemmu |

### Verbi tal-azzjoni li jinsiltu mill-kwalifiki nazzjonali u materjal ieħor ipprovdut u analizzat fil-kuntest tal-grupp tal-proġett QEK-Europass dwar deskrizzjonijiet qosra tal-eżiti tat-tagħlim[16]

| Verbi tal-azzjoni wiesgħa/ġenerali | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| jużaw | jeżekwixxu | itemmu/ilestu | jiddefinixxu | jieħdu | jissodisfaw/jilħqu |
| jaħdmu | jissettjaw | jikkunsidraw | jippermettu/iħallu | jaġixxu | jassumu |
| iwettqu | iżommu | jinnotaw/jieħdu nota | iġibu | jagħmlu | jittrattaw |
| jimplimentaw | Ikomplu/jissoktaw | iqegħdu/ipoġġu | jiddeterminaw | iqisu | |
| jagħtu | jimlew | jieħdu passi fuq | jippossjedu | juru | |

| Verbi tal-azzjoni preċiżi | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| japplikaw | jaċċettaw | jibnu | jibdew | isawru/jifformaw | jikkoreġu |

15 Is-Cedefop (2022). *Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook* – it-tieni edizzjoni. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

16 Il-listi jinkludu eżempji ta' verbi użati fid-deskritturi tal-livelli tal-QNK u l-lista tal-verbi tal-azzjoni mogħtija bħala parti mil-Linji Gwida għat-tfassil tal-kurrikuli nazzjonali fin-Norveġja, approvati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka u l-Parlament ta' Sami nhar is-26 ta' Ġunju 2018, u riveduti fl-10 ta' Ottubru 2018 f'Oslo:

| Verbi tal-azzjoni preċiżi | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| jiċċekkjaw | imexxu | isolvu | jorganizzaw | jinforzaw | jistmaw |
| jidentifikaw | jikkonfiguraw | ineħħu/jeliminaw | jiksbu/jakkwistaw | iservu | jitgħallmu |
| iħejju/jippreparaw | jaġġustaw | jikkonsultaw | jawtoevalwaw | jikkalkulaw | jippakkjaw |
| jesebixxu | jottimizzaw | jikkonkludu | jirriproduċu | jissostitwixxu | iwasslu/jikkonsenjaw |
| jiżviluppaw | jiġbru | isibu | jiggwidaw | jagħtu fil-qosor/iqassru | josservaw |
| janalizzaw | jerġgħu jibnu | jibdew | jiżmontaw | jistabbilixxu | jittrattaw |
| jipproduċu | jikkonformaw ma' | jgħoddu | jakkumpanjaw | jappoġġaw | jittestjaw |
| jikkomunikaw | jissorveljaw | jiddividu | jirrealizzaw | jintervjenu | isewwu |
| jieħdu sehem/jipparteċipaw | jimmanifatturaw | jidderieġu | jirreaġixxu | iżarmaw | jirrapportaw |
| jipproċessaw | jilħqu/jissodisfaw | jirrepetu | jirranġaw/isewwu | jikkooperaw/jaħdmu id f'id ma' | ibigħu |
| jippjanaw | jirċievu | jiggwidaw | jantiċipaw | jirritornaw | ifittxu |
| jimplimentaw | jagħrfu/jirrikonoxxu | jikxfu | jgħaqqdu | jaċċertaw/jiżguraw | imexxu/jagħtu direzzjoni lil |
| jinstallaw | jifformolaw | jipprogrammaw | jimpjegaw | jittrasferixxu | jistandardizzaw |
| jirrispettaw/josservaw | jikkompletaw | jispjegaw | jillimitaw | jelaboraw | jistrutturaw |
| jintegraw | jaġġornaw | jabbozzaw | jissorveljaw | jiġġustifikaw | idaħħlu/jinkludu |
| iżommu/imantnu | jiddokumentaw | jippromwovu | jassistu | jinnegozjaw | jissodisfaw/jilħqu |
| jiddeskrivu | ixerrdu | jirriflettu | jirfinaw/jorqmu | jivviżwalizzaw | jassessjaw |
| jimmonitorjaw/jissorveljaw | ikejlu | jassessjaw | jiddisinjaw | iqabblu | iwaqqfu/jistabbilixxu |
| jimmaniġġjaw | jaqraw | jipproponu | jikkompilaw | jiddeċiedu | jikkonnettjaw/jgħaqqdu |
| jagħżlu | jarmaw | jikkollaboraw | jikkalibraw | jiddelegaw | jiskeċċjaw |
| jippreżentaw | jagħtu parir | iwieġbu | jisiltu/jestrattaw/jestraġġu | jagħmlu segwitu | itejbu |
| isegwu | jibnu | jadattaw | jiktbu | jeżaminaw | jikkondividu |
| jippreżentaw | jaħżnu | jiksbu ħakma ta' | jirriabilitaw | isibu | jikkombinaw |
| jiżguraw | jikkoordinaw | jinformaw | jieħdu ħsieb | ibigħu | jispeċifikaw |
| jipprevjenu | jikkummissjonaw | isolvu | jiksbu/jakkwistaw | iżarmaw | jiskambjaw |
| joħlqu/jikkreaw | jevalwaw | jesploraw | jamministraw | jissinteżizzaw | jindikaw |
| jipproċessaw | jorganizzaw | jiġbdu l-attenzjoni | jissinteżizzaw | jimmodifikaw | jivverifikaw |
| ipoġġu | jagħżlu | jadottaw | jieħdu sehem | jirrinovaw | jikkonsolidaw |
| jipprovdu | jinkludu | jimpenjaw ruħhom | jinterpretaw | jallokaw | jipprovdu |
| jagħtu rendikont | jivvalidaw | japprovaw | jirrelataw | jittrasformaw | jeżegwixxu |
| jinvolvu | jimmobilizzaw | jorganizzaw mill-ġdid | jipproteġu | jiġġudikaw | jikkunċettwalizzaw |
| jiggwidaw | ifittxu | jagħtu struzzjonijiet | jintroduċu | jiksbu/jirnexxielhom jiksbu | jikkritikaw |

| Verbi tal-azzjoni preċiżi | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| jissorveljaw | jirrevedu | iħaddmu | jirriċerkaw | jiddijanjostikaw | jirrestawraw/ireġġgħu lura |
| jesperimentaw | jivvalidaw | | | | |

| Eżempji ta' kombinament ta' verbi tal-azzjoni mal-istess oġġett li jistgħu juru kumplessità akbar | |
|---|---|
| jiddisinjaw u jimplimentaw | jaħżnu u jżommu |
| jimplimentaw u jiddokumentaw | jimmaniġġjaw u jipproċessaw |
| jaċċertaw u jiddokumentaw | jidentifikaw u jibdew |
| jinstallaw u jikkonfiguraw | jidentifikaw u jipprevedu |
| jinstallaw u jiċċekkjaw | jidentifikaw u jimmonitorjaw |
| jarmaw u jinstallaw | jidentifikaw u jipproponu |
| jorganizzaw u jivverifikaw | jippakkjaw u jikkonsenjaw/iwasslu |
| jibnu u jiċċekkjaw | jarmaw u jdaħħlu |
| jiċċekkjaw u jikkonformaw ma'/josservaw/jirrispettaw | jippreparaw, jidentifikaw u jispjegaw |
| jippjanaw u jorganizzaw | jippjanaw, jippreparaw u jimplimentaw |
| jippjanaw u jiskeċċjaw | jikkoordinaw, jippreparaw u jieħdu ħsieb |
| jippjanaw u jimplimentaw | jimmonitorjaw, jippjanaw u jirrapportaw |
| ikejlu u janalizzaw | jiżviluppaw, joħolqu u jappoġġaw |
| janalizzaw u jimmaniġġjaw | jiżviluppaw, jiktbu u jevalwaw |
| janalizzaw u jqabblu | jimplimentaw, jintegraw u jiċċekkjaw |
| jinterpretaw u japplikaw | janalizzaw, isewwu u jmantnu |
| jinformaw u javżaw | ifittxu, janalizzaw u jivvalutaw |
| jagħtu pariri u jiggwidaw | juru, jintegraw u japplikaw |
| jikkooperaw u jikkomunikaw | jidentifikaw, jagħżlu, janalizzaw |
| jikkomunikaw u jinnegozjaw | janalizzaw, jevalwaw u itejbu |

| Eżempji ta' kombinament ta' verbi tal-azzjoni mal-istess oġġett li jistgħu juru kumplessità akbar | |
|---|---|
| jippreparaw u jikkonkludu | imexxu, jissorveljaw u jirrispondu |
| jippreparaw u jikkompilaw | jikkoordinaw, jidderieġu u jaġġustaw |
| iwettqu u jorganizzaw | jibnu, jinstallaw, jerġgħu jibnu, imantnu u jirriabilitaw |
| jipproduċu u jippreżentaw | jgħaqqdu, jarmaw, iżarmaw u jiżmontaw |
| jiżviluppaw u jaġġustaw | |

# Anness III. Il-kwalifikaturi (l-aġġettivi u l-avverbji)

**Eżempji ta' kwalifikaturi estratti minn deskritturi tal-livelli tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki tal-pajjiżi kif referenzjati mal-QEK**[17]

| Eżempji ta' kwalifikaturi wesgħin/ġenerali | | |
|---|---|---|
| Ċertu | Ewlieni | Xieraq/kif xieraq |
| Rilevanti | Partikolari/b'mod partikolari | Adattat/b'mod adattat |
| Ħafna | Wiesgħa/b'mod wiesgħa | Irnexxa/b'suċċess |
| Varji | Li suppost/kif suppost | Tas-soltu/normalment |
| Tajjeb | Effettiv/b'mod effettiv | Importanti/b'mod importanti |
| Meħtieġ | Mifruxa/b'mod mifrux | |

| Eżempju ta' kwalifikaturi (avverbji jew aġġettivi) li jistgħu jgħinu biex jesprimu livelli ta' kumplessità | | |
|---|---|---|
| Bażiku | Avvanzat | Komplut/lest/kompletament |
| Familjari | Intermedju | Kumpless/ikkumplikat |
| Sempliċi | Awtonomu/b'mod awtonomu | Innovattiv/innovazzjoni/b'mod innovattiv |
| Ripetittiv | Kreattiv/b'mod kreattiv | Maniġment/maniġerjali |
| Strutturat | Indipendenti/b'mod indipendenti | Oriġinali/oriġinalità |
| Definit | Speċjalizzat/speċjalista | Sostanzjali |
| Rutina | Ġdid | Responsabbli/b'mod responsabbli |
| Elementari | Kritiku/b'mod kritiku | Strateġiku/b'mod strateġiku |
| Assenjat | Komprensiv | Mhux prevedibbli/mhux previst |
| Integrat | Mhux ta' rutina | Kunċettwali/b'mod kunċettwali |
| Mhux speċjalizzat | Imprevedibbli | Prevedibbli/b'mod prevedibbli |
| Limitat | Profond | Parzjali/parzjalment |
| Kuljum/ta' kuljum/ minn jum għal jum | Predefiniti/predeterminati | Sofistikat |

[17] Id-deskritturi tal-livelli tal-QNK, ippubblikati bl-Ingliż, jinsabu fis-Cedefop (2018). *Analysis and overview of NQF level descriptors in European countries.* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Għall-pajjiżi li għaddew rapporti tar-referenzjar aġġornati wara l-2016, intuża r-rapport tar-referenzjar aġġornat.

# Anness IV. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki: deskritturi tal-livelli[18]

| | Għarfien | Ħiliet | Responsabbiltà u Awtonomija | |
|---|---|---|---|---|
| | Fil-kuntest tal-QEK, l-għarfien hu deskritt bħala teoretiku u/jew fattwali. | Fil-kuntest tal-QEK, il-ħiliet huma deskritti bħala konjittivi (jinvolvu l-użu ta' ħsieb loġiku, intwittiv u kreattiv) u prattiċi (jinvolvu xogħol manwali u l-użu ta' metodi, materjali, għodod u strumenti) | Fil-kuntest tal-QEK, ir-responsabbiltà u l-awtonomija huma deskritti bħala l-kapaċità tal-istudent li japplika l-għarfien u l-ħiliet b'mod awtonomu u responsabbli. | |
| **Livell 1** | Għarfien ġenerali bażiku | Ħiliet bażiċi meħtieġa għat-twettiq ta' kompiti sempliċi | Jaħdmu jew jistudjaw b'superviżjoni diretta f'kuntest strutturat | Livell 1 |
| **Livell 2** | Għarfien fattwali bażiku ta' qasam tax-xogħol jew ta' studju | Il-ħiliet konjittivi bażiċi u prattiċi meħtieġa biex l-informazzjoni rilevanti tintuża biex isiru kompiti u biex jissolvew problemi ta' rutina skont regoli u b'għodod sempliċi | Jaħdmu jew jistudjaw b'superviżjoni iżda b'ċerta awtonomija | Livell 2 |
| **Livell 3** | Għarfien ta' fatti, prinċipji, proċessi u kunċetti ġenerali, f'qasam tax-xogħol jew ta' studju | Firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex isiru xi kompiti u jissolvew problemi billi jintgħażlu u jitħaddmu ċerti metodi bażiċi, għodod, materjali u informazzjoni | Jerfgħu responsabbiltà biex ilestu xi kompiti tax-xogħol jew studju; jadattaw il-komportament tagħhom għaċ-ċirkostanzi biex isolvu xi problemi | Livell 3 |
| **Livell 4** | Għarfien fattwali u teoretiku f'kuntesti wesgħin f'qasam tax-xogħol jew ta' studju | Firxa ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi speċifiċi f'qasam tax-xogħol jew ta' studju | Jagħmlu awtoġestjoni, skont il-Linji Gwida, ta' kuntesti tax-xogħol jew ta' studju li normalment ikunu prevedibbli, iżda li jaf jinbidlu; jissorveljaw ix-xogħol ta' rutina ta' ħaddieħor u jerfgħu responsabbiltà għall-evalwazzjoni u t-titjib ta' attivitajiet tax-xogħol jew ta' studju | Livell 4 |
| **Livell 5** | Għarfien komprensiv, speċjalizzat, fattwali u teoretiku f'qasam tax-xogħol jew ta' studju, u | Firxa komprensiva ta' ħiliet konjittivi u prattiċi meħtieġa biex jinstabu soluzzjonijiet kreattivi għal problemi astratti | Jeżerċitaw ġestjoni u superviżjoni f'kuntesti ta' attivitajiet tax-xogħol jew ta' studju li jsirulhom bidliet imprevedibbli; jirrevedu | Livell 5 |

[18] Kull wieħed mit-8 livelli hu definit b'sett ta' deskritturi li jindikaw l-eżiti tat-tagħlim rilevanti għall-kwalifiki f'dak il-livell fi kwalunkwe sistema tal-kwalifiki. L-eżiti tat-tagħlim huma dikjarazzjonijiet dwar dak li persuna tkun taf, tifhem u kapaċi tagħmel fi tmiem proċess tat-tagħlim, u dawn ikunu definiti mil-lat ta' għarfien, ħiliet, u responsabbiltà u awtonomija. Sors: Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar il-QEK

| | Għarfien | Ħiliet | Responsabbiltà u Awtonomija | |
|---|---|---|---|---|
| | konoxxenza tal-limiti ta' dak l-għarfien | | u jiżviluppaw il-prestazzjoni tagħhom u ta' ħaddieħor | |
| **Livell 6** | Għarfien avvanzat ta' qasam tax-xogħol jew ta' studju li jinvolvi konoxxenza kritika ta' teoriji u prinċipji | Ħiliet avvanzati li juru ħakma tas-suġġett u innovazzjoni, tant meħtieġa biex jissolvew problemi kumplessi u imprevedibbli f'qasam tax-xogħol jew ta' studju speċjalizzat | Jimmaniġġaw attivitajiet jew proġetti tekniċi jew professjonali kumplessi, jerfgħu responsabbiltà għal teħid ta' deċiżjonijiet f'kuntesti tax-xogħol jew ta' studju imprevedibbli; jerfgħu responsabbiltà biex imexxu l-iżvilupp professjonali ta' individwi u gruppi | Livell 6 |
| **Livell 7** | Għarfien speċjalizzat ferm, li parti minnu tkun fost l-aktar riċenti f'qasam tax-xogħol jew ta' studju, bħala l-bażi għal ħsieb u/jew riċerka oriġinali<br>Għarfien kritiku dwar materji tal-għarfien f'qasam partikolari u fil-fruntieri bejn oqsma differenti | Ħiliet speċjalizzati fis-soluzzjoni tal-problemi tant meħtieġa fir-riċerka u/jew fl-innovazzjoni biex jiġu żviluppati għarfien u proċeduri ġodda u biex jiġi integrat l-għarfien minn oqsma differenti | Jimmaniġġjaw u jittrasformaw kuntesti tax-xogħol jew ta' studju li jkunu kumplessi, imprevedibbli u li jeħtieġu approċċi strateġiċi ġodda; jerfgħu responsabbiltà biex jikkontribwixxu għal għarfien u prattiki professjonali u/jew għal analiżi tal-prestazzjoni strateġika ta' timijiet | Livell 7 |
| **Livell 8** | Għarfien mill-aktar avvanzat f'qasam tax-xogħol jew ta' studju u fil-fruntieri bejn oqsma differenti | L-aktar ħiliet u tekniki avvanzati u speċjalizzati, inkluż it-twettiq ta' sinteżi u evalwazzjoni, meħtieġa biex isolvu problemi kritiċi fir-riċerka u/jew l-innovazzjoni u biex jitwessgħu u jissawru mill-ġdid xi għarfien jew prattiki professjonali eżistenti | Juru ċerti ħakma sostanzjali, innovazzjoni, awtonomija, integrità akkademika u professjonali, u impenn sostnut biex jinħolqu ideat jew proċessi ġodda bħala prijorità f'kuntesti tax-xogħol jew ta' studju, inkluż riċerka | Livell 8 |
| Il-Qafas tal-Kwalifiki taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja jaħseb għal deskritturi għal tliet ċikli miftiehma mill-ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja waqt laqgħa li saret f'Bergen f'Mejju 2005 fil-kuntest tal-Proċess ta' Bolonja. Kull deskrittur taċ-ċiklu joffri dikjarazzjoni ġenerika ta' aspettattivi tipiċi tal-kisbiet u tal-abbiltajiet assoċjati mal-kwalifiki li jirrappreżentaw it-tmiem ta' dak iċ-ċiklu. Id-deskrittur taċ-ċiklu qasir żviluppat bl-Inizjattiva Konġunta dwar il-Kwalità bħala parti mill-Proċess ta' Bolonja (li jista' jkun fl-ewwel ċiklu jew marbut miegħu), jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 5 tal-QEK. Id-deskrittur tal-ewwel ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 6 tal-QEK. Id-deskrittur tat-tieni ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 7 tal-QEK. Id-deskrittur tat-tielet ċiklu jikkorrispondi għall-eżiti tat-tagħlim tal-livell 8 tal-QEK. | | | | |

*Sors: Ir-Rakkomandazzjoni 2017 tal-QEK – Deskritturi tal-livelli.*

# Anness V. Sorsi u links addizzjonali

[Il-URLs ġew aċċessati fl-10.4.2024]

- Il-Linji Gwida għandhom jintużaw biex jiġu żviluppati d-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki ppubblikati fil-portal tal-Europass.
- Il-pubblikazzjoni tal-kwalifiki u tal-opportunitajiet tat-tagħlim fil-Europass issir bir-Reġistru tas-Sett tad-Dejta tal-Kwalifiki (QDR).
- Id-dejta ppubblikata fil-QDR trid tiġi ppubblikata skont il-Mudell tat-Tagħlim Ewropew.
- Il-Manwal Ewropew tas-Cedefop, Defining, writing and applying learning outcomes, l-ewwel (2017)[19] u t-tieni (2022)[20] edizzjonijiet, jinkludi regoli bażiċi dwar l-użu tal-eżiti tat-tagħlim; il-verżjoni tal-2022 tinkludi lista estensiva ta' riżorsi internazzjonali u nazzjonali (materjal gwida u tar-riċerka) li jgħinu għal definizzjoni, kitba u użu tal-eżiti tat-tagħlim f'kuntesti differenti (assessjar, kurrikuli, kwalifiki, eċċ.).
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK). Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja.
- Il-pubblikazzjoni tas-Cedefop (2018) Analysis and overview of NQF level descriptors in European countries tinkludi deskritturi tal-livelli tal-QNK.
- Il-Kummissjoni Ewropea. (2017). ESCO - Klassifikazzjoni Ewropea tal-Ħiliet, tal-Kompetenzi, tal-Kwalifiki u tal-Impjiegi.
- L-Istati Uniti. Id-Dipartiment tax-Xogħol. O'Net Occupational Information Network.
- Qafas ta' kompetenza ewlieni. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. (2018).
- The entrepreneurship competence framework (EntreComp). Il-Kummissjoni Ewropea, u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. (2016).
- The digital competence framework for citizens (DigComp 2.2). Il-Kummissjoni Ewropea, u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (2022).
- Reference framework of competences for democratic culture (RFCDC). Il-Kunsill tal-Ewropa (2013).
- European inventory of National qualifications framework (NQFs). Is-Cedefop (2022).
- Aktar informazzjoni fil-livell nazzjonali dwar il-QNK tinsab f fuq il-websites u d-database tal-QNK. Links għall-websites u d-databases, u dettalji tal-kuntatt tal-punti ta' koordinazzjoni tal-QNK, għal kull pajjiż.

[19] Is-Cedefop (2017). *Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook.* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

[20] Is-Cedefop (2022). *Defining, writing and applying learning outcomes: a European handbook* – it-tieni edizzjoni. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

# Sinteżi

Il-Linji Gwida jippreżentaw prinċipji komuni biex jiġu żviluppati deskrizzjonijiet qosra bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim għall-kwalifiki kollha. Dawn huma importanti għad-database u r-reġistri tal-kwalifiki.

Din l-inizjattiva hija parti minn ħidma Ewropea estensiva biex tiżdied it-trasparenza tal-kwalifiki bejn il-pajjiżi, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà u jiġi appoġġat it-tagħlim tul il-ħajja.

Bi progress sinifikanti fl-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) u bl-użu tal-eżiti tat-tagħlim fl-Ewropa żdiedu l-fehim u l-portabbiltà tal-kwalifiki. Meta nistrutturaw id-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim tagħhom inkunu qed intejbu b'mod konsistenti t-trasparenza u l-komparabbiltà, u niffaċilitaw id-disponibbiltà u l-użu tagħhom fl-ambjenti diġitali.

Deskrizzjonijiet qosra jipprovdu aċċess malajr lill-istudenti, lil min iħaddem, lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u lil oħrajn għal informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim li tkun tikkomplementa d-deskrizzjonijiet sħaħ nazzjonali.

Din il-pubblikazzjoni toffri rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti formali (it-tul, il-format) u l-kontenut (l-ambitu, il-kumplessità, il-kuntest) ta' dawn id-deskrizzjonijiet. Tinkludi wkoll riżorsi prattiċi, bħal listi ta' verbi tal-azzjoni u kwalifikaturi, li jgħinu għal deskrizzjoni ċara tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.

# LINJI GWIDA EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-KITBA TA' DESKRIZZJONIJIET QOSRA TAL-KWALIFIKI BBAŻATI FUQ L-EŻITI TAT-TAGĦLIM

Il-Linji Gwida jippreżentaw prinċipji komuni biex jiġu żviluppati deskrizzjonijiet qosra bbażati fuq l-eżiti tat-tagħlim għall-kwalifiki kollha. Dawn huma importanti għd database u r-reġistri tal-kwalifiki.

Din l-inizjattiva hija parti minn ħidma Ewropea estensiva biex tiżdied it-trasparenza tal-kwalifiki bejn il-pajjiżi, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà u jiġi appoġġat it-tagħlim tul il-ħajja.

Bi progress sinifikanti fl-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) u bl-użu tal-eżiti tat-tagħlim fl-Ewropa żdiedu l-fehim u l-portabbiltà tal-kwalifiki. Meta nistrutturaw id-deskrizzjonijiet qosra tal-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim tagħhom inkunu qed intejbu b'mod konsistenti t-trasparenza u l-komparabbiltà, uniffaċilitaw id-disponibbiltà u l-użu tagħhom fl-ambjenti diġitali.

Deskrizzjonijiet qosra jipprovdu aċċess malajr lill-istudenti, lil min iħaddem, lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u lil oħrajn għal informazzjoni dwar l-eżiti tat-tagħlim li tkun tikkomplementa d-deskrizzjonijiet sħaħ nazzjonali.

Din il-pubblikazzjoni toffri rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti formali (it-tul, il-format) u l-kontenut (l-ambitu, il-kumplessità, il-kuntest) ta' dawn id-deskrizzjonijiet. Tinkludi wkoll riżorsi prattiċi, bħal listi ta' verbi tal-azzjoni u kwalifikaturi, li jgħinu għal deskrizzjoni ċara tal-eżiti tat-tagħlim tal-kwalifiki.

6222 MT - TI-BA-24-003-MT-N - doi:10.2801/824863

CEDEFOP
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali

Europe 123, Tessaloniki (Pylaia), GREĊJA
Postali: Cedefop service post, 570 01 Thermi, GREĊJA
Tel. +30 2310490111, Fax +30 2310490020
Email: info@cedefop.europa.eu

www.cedefop.europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
Liġi | Data | Pubblikazzjonijiet